**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2020/0359(COD)**

15.10.2021

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, u tħassir tad-Direttiva (UE) 2016/1148
(COM(2020)0823 – C9-0422/2020 – 2020/0359(COD))

Rapporteur għal opinjoni: (*): Lukas Mandl

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS2)[1] hija parti minn sett usa' ta' inizjattivi fil-livell tal-Unjoni li jfittxu li jżidu r-reżiljenza tal-entitajiet pubbliċi u privati kontra t-theddid. Il-proposta għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti u li tippermetti lill-entitajiet koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha jwieġbu aħjar għall-isfidi l-ġodda identifikati mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt li hija wettqet, li kienet tinkludi konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Dawn l-isfidi jinkludu b'mod partikolari ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-suq intern u x-xenarju li qed jevolvi ta' theddid għas-sigurtà.

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, jiġifieri s-suq intern. Madankollu, minn perspettiva tal-Kumitat LIBE, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-miżuri imposti fuq is-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni bid-Direttiva NIS2 ma jservux biss biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-suq intern. **Id-Direttiva għandha tgħin ukoll biex tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Unjoni kollha kemm hi**, fost l-oħrajn billi tevita l-vulnerabbiltà diverġenti għar-riskji taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

Għal dan il-għan, huwa kruċjali li **jiġu eliminati d-diverġenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri** li jirriżultaw minn interpretazzjonijiet differenti tal-liġi mill-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, ir-Rapporteur jilqa' l-kundizzjoni uniformi stabbilita mir-Regolament biex jiġu ddeterminati l-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Qed isiru suġġerimenti addizzjonali biex tiġi pprevenuta d-diverġenza fl-implimentazzjoni, b'mod partikolari biex il-Kummissjoni tiġi obbligata toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-*lex specialis* u l-kriterji applikabbli għall-SMEs (li għandhom jiżguraw ukoll iċ-ċarezza tad-dritt u jevitaw il-piż bla bżonn) u biex il-Grupp ta' Kooperazzjoni jintalab ikompli jispeċifika aktar il-fatturi mhux tekniċi li għandhom jitqiesu fil-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ktajjen tal-provvista. Barra minn hekk, qed jiġi enfasizzat li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li sseħħ kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll *bejniethom*, f'ħin reali.

L-abbozz ta' rapport jittratta wkoll għadd ta' **rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)** fl-opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà u d-Direttiva NIS 2.0[2]. B'mod l-aktar importanti, qed jiġi ċċarat kemm fil-premessi kif ukoll fil-parti operattiva tat-test li kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont id-Direttiva NIS2 huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR)[3] u d-Direttiva 2002/58/KE[4] (Privatezza Elettronika). Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett tat-terminu "sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni" (ikopri biss il-

---

[1] 2020/0359(COD).

[2] Opinjoni Nru 5/2021: https://edps.europa.eu/system/files/2021-03/21-03-11_edps_nis2-opinion_en.pdf.

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), *ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88.*

[4] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) *ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47.*

protezzjoni tat-teknoloġija) meta mqabbel ma' "ċibersigurtà" (ikopri wkoll l-attivitajiet għall-protezzjoni tal-utenti), it-terminu ta' qabel jintuża biss meta l-kuntest ikun wieħed purament tekniku. Fir-rigward tal-ismijiet tad-dominju u d-data tar-reġistrazzjoni, qed jiġu proposti kjarifiki rigward 1) il-bażi ġuridika tal-pubblikazzjoni ta' "informazzjoni rilevanti" għall-finijiet ta' identifikazzjoni u kuntatt, 2) il-kategoriji tad-data tar-reġistrazzjoni tad-dominju tad-data soġġetti għall-pubblikazzjoni (abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-ICANN), u 3) l-entitajiet li jista' jkun li jikkostitwixxu "persuni li jfittxu aċċess leġittimu". Huwa speċifikat ukoll fit-test legali li l-proposta ma taffettwax l-attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data fl-ambitu tal-GDPR. Fl-aħħar nett, qed tiġi pprovduta bażi ġuridika aktar komprensiva għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-ambitu tal-Proposta u awtoritajiet superviżorji rilevanti oħra, b'mod partikolari l-awtoritajiet superviżorji fl-ambitu tal-GDPR.

**Bidliet oħra** introdotti fil-proposta tal-Kummissjoni mir-rapporteur tal-Kumitat LIBE huma relatati ma' dan li ġej:

- Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn id-Direttiva NIS2 u d-Direttiva proposta dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (ECI)[5], il-lingwaġġ ta' xi dispożizzjonijiet ġie allinjat ma' dak tal-proposta tal-ECI. F'konformità ma' bidla simili prevista għad-Direttiva ECI li għandha tkopri l-istess setturi bħad-Direttiva NIS2, qed jiġi propost li tiżdied il-frażi "il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel" fil-kamp ta' applikazzjoni.
- Fir-rigward tad-data personali, qed jiġi ċċarat li l-iskennjar tan-networks u tas-sistemi ta' informazzjoni mis-CSIRTs għandu jkun konformi mhux biss mar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR)[6] iżda wkoll mad-Direttiva 2002/58/KE[7] (il-Privatezza Elettronika). It-trasferimenti internazzjonali ta' data personali fl-ambitu ta' din id-Direttiva għandhom ikunu konformi mal-Kapitolu V tal-GDPR.
- Il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ li jiltaqa' darbtejn minflok darba fis-sena biex jevalwa l-aħħar żviluppi rigward iċ-ċibersigurtà. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Grupp ta' Kooperazzjoni bħala osservatur.
- L-ENISA għandha toħroġ rapporti ta' kull sena u mhux kull sentejn dwar l-istat taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Ir-rapport għandu jqis ukoll l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq il-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni.
- L-iskadenza tan-notifika tal-inċidenti hija allinjata mal-iskadenza għan-notifika ta' ksur skont il-GDPR, jiġifieri 72 siegħa.
- Filwaqt li għandu jkun tabilħaqq obbligatorju li l-entitajiet essenzjali u importanti jinnotifikaw l-inċidenti taċ-ċibersigurtà li fil-fatt iseħħu, in-notifika tat-theddid ċibernetiku għandha tkun volontarja sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u jiġi evitat ir-rappurtar żejjed. Biex jitqies bħala sinifikanti, inċident irid ikun ikkawża

---

[5] 2020/0365(COD).

[6] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), *ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88.*

[7] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) *ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47.*

ħsara reali u affettwa persuni oħra fiżiċi u ġuridiċi aktar milli tali ħsara jew effett ikunu "possibbli".

- Iċ-ċirkostanzi li għandhom jitqiesu meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar sanzjoni wara ksur tar-regoli taċ-ċibersigurtà huma allinjati mal-GDPR. Peress li dan ikun imur kontra l-prattika attwali tar-responsabbiltà fil-liġi tal-Unjoni, ma għandux ikun possibbli li tiġi imposta projbizzjoni temporanja fuq persuni fiżiċi milli jeżerċitaw funzjonijiet maniġerjali.
- Sabiex jiġi evitat dannu għar-reputazzjoni, l-entitajiet ma għandhomx jiġu obbligati joħorġu għall-pubbliku aspetti tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti fl-ambitu ta' din id-Direttiva jew l-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur.

## EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] kellha l-għan li tibni l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li timmitiga t-theddid għan-network u s-sistemi tal-informazzjoni użati biex jipprovdu servizzi essenzjali f'setturi ewlenin, u li tiżgura l-kontinwità ta' tali servizzi meta jiffaċċjaw inċidenti taċ-ċibersigurtà, u b'hekk tikkontribwixxi ***għall-ekonomija*** u ***s-soċjetà tal-Unjoni biex jiffunzjonaw b'mod effettiv***. | (1) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] kellha l-għan li tibni l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li timmitiga t-theddid għan-network u s-sistemi tal-informazzjoni użati biex jipprovdu servizzi essenzjali f'setturi ewlenin, u li tiżgura l-kontinwità ta' tali servizzi meta jiffaċċjaw inċidenti taċ-ċibersigurtà, u b'hekk tikkontribwixxi ***għas-sigurtà tal-Unjoni*** u ***għall-funzjonament effettiv tal-ekonomija u s-soċjetà tagħha***. |
| [11] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1). 1). | [11] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1). 1). |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2016/1148 sar progress sinifikanti biex jiżdied il-livell tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Ir-rieżami ta' dik id-Direttiva wera li serviet ta' katalist għall-approċċ istituzzjonali u regolatorju għaċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, u b'hekk wittiet it-triq għal bidla sinifikanti fil-mentalità. Dik id-Direttiva żgurat it-tlestija tal-oqfsa nazzjonali billi ddefiniet l-istrateġiji nazzjonali taċ-ċibersigurtà, stabbiliet kapaċitajiet nazzjonali, u implimentat miżuri regolatorji li jkopru infrastrutturi u atturi essenzjali identifikati minn kull Stat Membru. Ikkontribwiet ukoll għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment tal-Grupp ta' Kooperazzjoni[12] u network ta' Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters ("in-network tas-CSIRTs")[13]. Minkejja dawk il-kisbiet, ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2016/1148 żvela nuqqasijiet inerenti li jostakolawha milli tindirizza b'mod effettiv l-isfidi kontemporanji u emerġenti taċ-ċibersigurtà. | (2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2016/1148 sar progress sinifikanti biex jiżdied il-livell tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Ir-rieżami ta' dik id-Direttiva wera li serviet ta' katalist għall-approċċ istituzzjonali u regolatorju għaċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, u b'hekk wittiet it-triq għal bidla sinifikanti fil-mentalità. Dik id-Direttiva żgurat it-tlestija tal-oqfsa nazzjonali billi ddefiniet l-istrateġiji nazzjonali taċ-ċibersigurtà, stabbiliet kapaċitajiet nazzjonali, u implimentat miżuri regolatorji li jkopru infrastrutturi u atturi essenzjali identifikati minn kull Stat Membru. Ikkontribwiet ukoll għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u network ta' Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters ("in-network tas-CSIRTs"). Minkejja dawk il-kisbiet, ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2016/1148 żvela nuqqasijiet inerenti li jostakolawha milli tindirizza b'mod effettiv l-isfidi kontemporanji u emerġenti taċ-ċibersigurtà. ***Barra minn hekk, l-espansjoni tal-attivitajiet online fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza taċ-ċibersigurtà, li hija essenzjali biex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jafdaw l-innovazzjoni u l-konnettività, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ fuq skala kbira dwarhom. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' programmi edukattivi dwar iċ-ċibersigurtà bil-ħsieb li tippermetti lill-entitajiet importanti u essenzjali jirreklutaw esperti taċ-ċibersigurtà li jippermettulhom jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.*** |

| | |
|---|---|
| [12] L-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148. | [12] L-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148. |
| [13] L-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/1148. | [13] L-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/1148. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) In-network u s-sistemi tal-informazzjoni żviluppaw f'karatteristika ċentrali tal-ħajja ta' kuljum bit-trasformazzjoni diġitali rapida u l-interkonnettività tas-soċjetà, inkluż fi skambji transfruntieri. Dak l-iżvilupp wassal għal espansjoni tax-xenarju tat-theddid taċ-ċibersigurtà, li rriżulta fi sfidi ġodda, li jeħtieġu risponsi adattati, ikkoordinati u innovattivi fl-Istati Membri kollha. L-għadd, id-daqs, is-sofistikazzjoni, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, u qed jippreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni. B'riżultat ta' dan, l-inċidenti ċibernetiċi jistgħu jostakolaw it-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern, jiġġeneraw telf finanzjarju, jimminaw il-kunfidenza tal-utenti ***u*** jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija u lis-soċjetà tal-Unjoni. Għalhekk, it-tħejjija u l-effettività taċ-ċibersigurtà issa huma ***essenzjali aktar*** minn qatt qabel għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. | (3) In-network u s-sistemi tal-informazzjoni żviluppaw f'karatteristika ċentrali tal-ħajja ta' kuljum bit-trasformazzjoni diġitali rapida u l-interkonnettività tas-soċjetà, inkluż fi skambji transfruntieri. Dak l-iżvilupp wassal għal espansjoni tax-xenarju tat-theddid taċ-ċibersigurtà, li rriżulta fi sfidi ġodda, li jeħtieġu risponsi adattati, ikkoordinati u innovattivi fl-Istati Membri kollha. L-għadd, id-daqs, is-sofistikazzjoni, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, u qed jippreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni. B'riżultat ta' dan, l-inċidenti ċibernetiċi jistgħu jostakolaw it-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern, jiġġeneraw telf finanzjarju, jimminaw il-kunfidenza tal-utenti***,*** jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija u lis-soċjetà tal-Unjoni***, lill-funzjonament tad-demokrazija tagħna, u lill-valuri u l-libertà li fuqhom hija bbażata s-soċjetà tagħna***. Għalhekk, it-tħejjija u l-effettività taċ-ċibersigurtà issa huma ***aktar essenzjali*** minn qatt qabel ***għas-sigurtà tal-Unjoni u*** għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern ***fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali tal-attivitajiet ta' kuljum madwar l-Unjoni. Dan jeħtieġ kooperazzjoni aktar mill-qrib tal-awtoritajiet fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom kif ukoll bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-korpi responsabbli tal-Unjoni.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Dawk id-diverġenzi kollha jinvolvu frammentazzjoni tas-suq intern u aktarx iħallu effett preġudizzjarju fuq il-funzjonament tiegħu, li jaffettwa b'mod partikolari l-forniment transfruntier ta' servizzi u l-livell ta' reżiljenza taċ-ċibersigurtà minħabba l-applikazzjoni ta' standards differenti. Din id-Direttiva għandha l-għan li telimina dawn id-diverġenzi wiesgħa fost l-Istati Membri, b'mod partikolari billi tistabbilixxi regoli minimi dwar il-funzjonament ta' qafas regolatorju kkoordinat, billi tistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet responsabbli f'kull Stat Membru, billi taġġorna l-lista ta' setturi u attivitajiet soġġetti għall-obbligi taċ-ċibersigurtà u billi tipprovdi rimedji u sanzjonijiet effettivi li huma strumentali għall-infurzar effettiv ta' dawk l-obbligi. Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2016/1148 jenħtieġ titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva. | (5) Dawk id-diverġenzi kollha jinvolvu frammentazzjoni tas-suq intern u aktarx iħallu effett preġudizzjarju fuq il-funzjonament tiegħu, li jaffettwa b'mod partikolari l-forniment transfruntier ta' servizzi u l-livell ta' reżiljenza taċ-ċibersigurtà minħabba l-applikazzjoni ta' standards differenti. ***Fl-aħħar mill-aħħar, dawn id-diverġenzi jistgħu jwasslu biex xi Stati Membri jsiru aktar vulnerabbli għat-theddid taċ-ċibersigurtà, b'effetti konsegwenzjali potenzjali madwar l-Unjoni, kemm fir-rigward tas-suq intern tagħha u kemm fir-rigward tas-sigurtà ġenerali tagħha.*** Din id-Direttiva għandha l-għan li telimina dawn id-diverġenzi wiesgħa fost l-Istati Membri, b'mod partikolari billi tistabbilixxi regoli minimi dwar il-funzjonament ta' qafas regolatorju kkoordinat, billi tistabbilixxi mekkaniżmi għall-kooperazzjoni effettiva ***u f'ħin reali*** fost l-awtoritajiet responsabbli f'kull Stat Membru***, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***, billi taġġorna l-lista ta' setturi u attivitajiet soġġetti għall-obbligi taċ-ċibersigurtà u billi tipprovdi rimedji u sanzjonijiet effettivi li huma strumentali għall-infurzar effettiv ta' dawk l-obbligi. Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2016/1148 jenħtieġ titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Din id-Direttiva ma taffettwax l-abbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom, jissalvagwardjaw l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika, u jippermettu l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 346 tat-TFUE, l-ebda Stat Membru ma għandu jkun obbligat jipprovdi informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tista' tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà pubblika tiegħu. F'dan il-kuntest, ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni li jipproteġu l-informazzjoni klassifikata, il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni, jew il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni informali bħall-Protokoll dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni[14], huma rilevanti. | (6) Din id-Direttiva ma taffettwax l-abbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ***nazzjonali*** tagħhom, jissalvagwardjaw l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika, u jippermettu ***l-prevenzjoni,*** l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 346 tat-TFUE, l-ebda Stat Membru ma għandu jkun obbligat jipprovdi informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tista' tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà pubblika tiegħu. F'dan il-kuntest, ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni li jipproteġu l-informazzjoni klassifikata, il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni, jew il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni informali bħall-Protokoll dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni[14], huma rilevanti. |
| [14] Il-Protokoll dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni (TLP) huwa mezz biex min jikkondividi informazzjoni jkun jista' jinforma lill-udjenza tiegħu dwar kwalunkwe limitazzjoni fit-tixrid ulterjuri tal-istess informazzjoni. Jintuża kważi fil-komunitajiet tas-CSIRTs kollha u f'xi Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni (ISACs). | [14] Il-Protokoll dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni (TLP) huwa mezz biex min jikkondividi informazzjoni jkun jista' jinforma lill-udjenza tiegħu dwar kwalunkwe limitazzjoni fit-tixrid ulterjuri tal-istess informazzjoni. Jintuża kważi fil-komunitajiet tas-CSIRTs kollha u f'xi Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni (ISACs). |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***F'konformità*** mad-Direttiva (UE) 2016/1148, l-Istati Membri kienu responsabbli biex jiddeterminaw liema entitajiet jissodisfaw il-kriterji biex | (8) ***F'dak li jirrigwarda r-responsabbli tal-Istati Membri f'konformità*** mad-Direttiva (UE) 2016/1148, l-Istati Membri kienu responsabbli biex jiddeterminaw |

| | |
|---|---|
| jikkwalifikaw bħala operaturi ta' servizzi essenzjali ("proċess ta' identifikazzjoni"). ***Biex jiġu eliminati d-diverġenzi*** wiesgħa fost l-Istati Membri f'dak ir-rigward ***u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għar-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskji u l-obbligi ta' rapportar għall-entitajiet rilevanti kollha***, jenħtieġ jiġi stabbilit kriterju uniformi li jiddetermina l-entitajiet li ***jkunu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dak il-kriterju jenħtieġ jikkonsisti fl-applikazzjoni tar-regola dwar id-daqs massimu, fejn l-intrapriżi medji u kbar kollha, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[15], li joperaw fis-setturi jew jipprovdu t-tip ta' servizzi koperti minn din id-Direttiva, ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jistabbilixxu lista tal-entitajiet li jissodisfaw dan il-kriterju ġeneralment applikabbli relatat mad-daqs.<br><br>[15] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36). | liema entitajiet jissodisfaw il-kriterji biex jikkwalifikaw bħala operaturi ta' servizzi essenzjali ("proċess ta' identifikazzjoni") ***u dan wassal għal diverġenzi*** wiesgħa fost l-Istati Membri f'dak ir-rigward***. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet speċifiċi previsti f'din id-Direttiva***, jenħtieġ ***li*** jiġi stabbilit kriterju uniformi li jiddetermina l-entitajiet li ***jaqgħu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ***biex dawn id-diverġenzi jiġu eliminati u tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt rigward ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju u l-obbligi ta' rappurtar għall-entitajiet rilevanti kollha***. Dak il-kriterju jenħtieġ jikkonsisti fl-applikazzjoni tar-regola dwar id-daqs massimu, fejn l-intrapriżi medji u kbar kollha, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[15], li joperaw fis-setturi jew jipprovdu t-tip ta' servizzi koperti minn din id-Direttiva, ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jistabbilixxu lista tal-entitajiet li jissodisfaw dan il-kriterju ġeneralment applikabbli relatat mad-daqs.<br><br>[15] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36). |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8 a) B'kont meħud tad-differenzi fl-oqfsa tal-amministrazzjoni pubblika nazzjonali, l-Istati Membri jżommu l-kapaċità li jieħdu d-deċiżjonijiet rigward il-ħatra ta' entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Madankollu, jenħtieġ li*** anki l-entitajiet żgħar jew mikro li jissodisfaw ċerti kriterji li jindikaw rwol ewlieni għall-ekonomiji jew is-soċjetajiet tal-Istati Membri jew għal setturi jew tipi ta' servizzi partikolari, ***ikunu koperti minn din id-Direttiva.*** L-Istati Membri jenħtieġ ikunu responsabbli għall-istabbiliment ta' lista ta' dawn l-entitajiet, u jippreżentawha lill-Kummissjoni. | (9) ***Jenħtieġ li jkunu koperti minn din id-Direttiva*** anki l-entitajiet żgħar jew mikro li jissodisfaw ċerti kriterji li jindikaw rwol ewlieni għall-ekonomiji jew is-soċjetajiet tal-Istati Membri jew għal setturi jew tipi ta' servizzi partikolari ***abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju***, ***inklużi l-entitajiet definiti bħala entitajiet kritiċi jew l-entitajiet ekwivalenti għall-entitajiet kritiċi fl-ambitu tad-Direttiva (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a],*** L-Istati Membri jenħtieġ ikunu responsabbli għall-istabbiliment ta' lista ta' dawn l-entitajiet, u jippreżentawha lill-Kummissjoni. <br>_________________ <br>***[1a] Id-Direttiva (UE) [XXX/XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XXX dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (ĠU...).*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni, ***tista'*** toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji applikabbli ***għall-intrapriżi*** mikro u żgħar. | (10) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni, ***jenħtieġ li*** toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji applikabbli ***għall-entitajiet*** mikro u żgħar. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-leġiżlazzjoni u l-istrumenti speċifiċi għas-settur jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu żgurati livelli għoljin ta' ċibersigurtà, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet u l-kumplessitajiet ta' dawk is-setturi. Meta att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur jeżiġi li entitajiet essenzjali jew importanti jadottaw miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà jew jinnotifikaw inċidenti jew theddid ċibernetiku sinifikanti ta' mill-inqas effett ekwivalenti għall-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ ikunu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur, inkluż dwar is-superviżjoni u l-infurzar. Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ linji gwida fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-lex specialis. Din id-Direttiva ma tipprekludix l-adozzjoni ta' atti addizzjonali tal-Unjoni speċifiċi għas-settur li jindirizzaw miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u notifiki tal-inċidenti. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' implimentazzjoni eżistenti li ngħataw lill-Kummissjoni f'għadd ta' setturi, inkluż it-trasport u l-enerġija. | (12) Il-leġiżlazzjoni u l-istrumenti speċifiċi għas-settur jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu żgurati livelli għoljin ta' ċibersigurtà, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet u l-kumplessitajiet ta' dawk is-setturi. Meta att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur jeżiġi li entitajiet essenzjali jew importanti jadottaw miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà jew jinnotifikaw inċidenti jew theddid ċibernetiku sinifikanti ta' mill-inqas effett ekwivalenti għall-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ ikunu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur, inkluż dwar is-superviżjoni u l-infurzar. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** toħroġ linji gwida fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-lex specialis. Din id-Direttiva ma tipprekludix l-adozzjoni ta' atti addizzjonali tal-Unjoni speċifiċi għas-settur li jindirizzaw miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u notifiki tal-inċidenti. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' implimentazzjoni eżistenti li ngħataw lill-Kummissjoni f'għadd ta' setturi, inkluż it-trasport u l-enerġija. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet bejn iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà fiżika tal-entitajiet, jenħtieġ jiġi żgurat approċċ koerenti bejn id-Direttiva (UE) XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u din id-Direttiva. Biex jinkiseb dan, l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li l-entitajiet | (14) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet bejn iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà fiżika tal-entitajiet, jenħtieġ ***li*** jiġi żgurat approċċ koerenti bejn id-Direttiva (UE) XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u din id-Direttiva***, kull fejn ikun possibbli u xieraq***. Biex jinkiseb dan, l-Istati Membri |

kritiċi u l-entitajiet ekwivalenti, skont id-Direttiva (UE) XX/XX jitqiesu bħala entitajiet essenzjali skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà tagħhom jipprevedu qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn ***l-awtorità*** kompetenti skont din id-Direttiva u dik skont id-Direttiva (UE) XX/XX fil-kuntest tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar ***inċidenti*** u theddid ċibernetiku u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji. L-awtoritajiet ***taż-żewġ*** Direttivi jenħtieġ jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni, b'mod partikolari ***fir-rigward tal-identifikazzjoni*** ta' entitajiet kritiċi, theddid ċibernetiku, riskji taċ-ċibersigurtà, inċidenti li jaffettwaw entitajiet kritiċi kif ukoll dwar il-miżuri taċ-ċibersigurtà meħuda ***mill-entitajiet*** kritiċi. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva (UE) XX/XX, l-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jenħtieġ jitħallew ***jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u*** ta' ***infurzar tagħhom fuq*** entità essenzjali identifikata bħala kritika. Iż-żewġ awtoritajiet jenħtieġ jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bejniethom għal dan il-għan.

[17] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa]

jenħtieġ jiżguraw li l-entitajiet kritiċi u l-entitajiet ekwivalenti, skont id-Direttiva (UE) XX/XX jitqiesu bħala entitajiet essenzjali skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà tagħhom jipprevedu qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***fi ħdan u bejn l-Istati Membri,*** skont din id-Direttiva u dik skont id-Direttiva (UE) XX/XX fil-kuntest tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar ***inċidentiċibernetiċi*** u theddid ċibernetiku u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji. L-awtoritajiet ***skont iż-żewġ*** Direttivi ***fi ħdan u bejn l-Istati Membri*** jenħtieġ ***li*** jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni, b'mod partikolari ***dwar l-identifikazzjoni*** ta' entitajiet kritiċi, theddid ċibernetiku, riskji taċ-ċibersigurtà, inċidenti li jaffettwaw entitajiet kritiċi kif ukoll dwar il-miżuri taċ-ċibersigurtà meħuda ***mill-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva għall-entitajiet*** kritiċi. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva (UE) XX/XX, l-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jenħtieġ ***li*** jitħallew ***jivvalutaw iċ-ċibersigurtà*** ta' entità essenzjali identifikata bħala kritika. Iż-żewġ awtoritajiet jenħtieġ ***li*** jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bejniethom ***fil-ħin reali*** għal dan il-għan.

[17] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa]

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Is-servizzi offruti mill-fornituri tas-servizzi ta' ċentru tad-data mhux dejjem jistgħu jiġu pprovduti f'forma ta' servizz | (18) Is-servizzi offruti mill-fornituri tas-servizzi ta' ċentru tad-data mhux dejjem jistgħu jiġu pprovduti f'forma ta' servizz |

| | |
|---|---|
| tal-cloud computing. Għaldaqstant, iċ-ċentri tad-data mhux dejjem ikunu jikkostitwixxu parti mill-infrastruttura tal-cloud computing. Biex jiġu ġestiti r-riskji kollha ***għas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni***, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri wkoll il-fornituri ta' tali servizzi ta' ċentri tad-data li mhumiex servizzi tal-cloud computing. Għall-fini ta' din id-Direttiva, it-terminu "servizz ta' ċentru tad-data" jenħtieġ ikopri l-forniment ta' servizz li jinkludi strutturi, jew gruppi ta' strutturi, iddedikati għall-akkomodazzjoni ċentralizzata, l-interkonnessjoni u t-tħaddim ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tan-network li jipprovdi servizzi ta' ħżin, ipproċessar u trasport tad-data flimkien mal-faċilitajiet u l-infrastrutturi kollha għad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-kontroll ambjentali. It-terminu "servizz ta' ċentru tad-data" ma japplikax għaċ-ċentri tad-data korporattivi interni li jkunu proprjetà tal-entità kkonċernata u operati għall-finijiet tagħha stess. | tal-cloud computing. Għaldaqstant, iċ-ċentri tad-data mhux dejjem ikunu jikkostitwixxu parti mill-infrastruttura tal-cloud computing. Biex jiġu ġestiti r-riskji kollha ***għaċ-ċibersigurtà***, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri wkoll il-fornituri ta' tali servizzi ta' ċentri tad-data li mhumiex servizzi tal-cloud computing. Għall-fini ta' din id-Direttiva, it-terminu "servizz ta' ċentru tad-data" jenħtieġ ikopri l-forniment ta' servizz li jinkludi strutturi, jew gruppi ta' strutturi, iddedikati għall-akkomodazzjoni ċentralizzata, l-interkonnessjoni u t-tħaddim ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tan-network li jipprovdi servizzi ta' ħżin, ipproċessar u trasport tad-data flimkien mal-faċilitajiet u l-infrastrutturi kollha għad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-kontroll ambjentali. It-terminu "servizz ta' ċentru tad-data" ma japplikax għaċ-ċentri tad-data korporattivi interni li jkunu proprjetà tal-entità kkonċernata u operati għall-finijiet tagħha stess. |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Dawk l-interdipendenzi li qed jikbru huma r-riżultat ta' network dejjem aktar transfruntier u interdipendenti ta' forniment ta' servizzi li juża infrastrutturi ewlenin madwar l-Unjoni fis-settur tal-enerġija, tat-trasport, tal-infrastruttura diġitali, tal-ilma tax-xorb u mormi, tas-saħħa, ċerti aspetti tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll tal-ispazju fejn jidħol il-forniment ta' ċerti servizzi dipendenti fuq infrastrutturi bbażati fuq l-art li huma proprjetà tal-Istati Membru u ġestiti u operati minnhom jew minn partijiet privati, u għalhekk ma jkoprux infrastrutturi li huma proprjetà tal-Unjoni, ġestiti jew | (20) Dawk l-interdipendenzi li qed jikbru huma r-riżultat ta' network dejjem aktar transfruntier u interdipendenti ta' forniment ta' servizzi li juża infrastrutturi ewlenin madwar l-Unjoni fis-settur tal-enerġija, tat-trasport, tal-infrastruttura diġitali, tal-ilma tax-xorb u mormi, ***tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel,*** tas-saħħa, ċerti aspetti tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll tal-ispazju fejn jidħol il-forniment ta' ċerti servizzi dipendenti fuq infrastrutturi bbażati fuq l-art li huma proprjetà tal-Istati Membru u ġestiti u operati minnhom jew minn partijiet privati, u għalhekk ma |

| | |
|---|---|
| operati minnha jew f'isimha bħala parti mill-programmi spazjali tagħha. Dawk l-interdipendenzi jfissru li kull tfixkil, anke wieħed inizjalment limitat għal entità waħda jew għal settur wieħed, jista' jkollhom effetti kaskata b'mod aktar wiesa', li potenzjalment joħolqu impatti negattivi estensivi u dejjiema fit-twassil ta' servizzi madwar is-suq intern kollu. Il-pandemija tal-COVID-19 ***ħarġet*** fid-dieher il-vulnerabbiltà tas-soċjetajiet tagħna li qed isiru dejjem aktar interdipendenti fid-dawl ta' riskji ta' probabbiltà baxxa. | jkoprux infrastrutturi li huma proprjetà tal-Unjoni, ġestiti jew operati minnha jew f'isimha bħala parti mill-programmi spazjali tagħha. Dawk l-interdipendenzi jfissru li kull tfixkil, anke wieħed inizjalment limitat għal entità waħda jew għal settur wieħed, jista' jkollhom effetti kaskata b'mod aktar wiesa', li potenzjalment joħolqu impatti negattivi estensivi u dejjiema fit-twassil ta' servizzi madwar is-suq intern kollu. ***L-attakki intensifikati kontra s-sistemi tal-informazzjoni waqt*** il-pandemija tal-COVID-19 ***ħarġu*** fid-dieher il-vulnerabbiltà tas-soċjetajiet tagħna li qed isiru dejjem aktar interdipendenti fid-dawl ta' riskji ta' probabbiltà baxxa. ***Għalhekk, huma meħtieġa aktar investimenti fiċ-ċibersigurtà.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20 a) Huwa kruċjali li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni ċibernetika u r-reżiljenza ċibernetika fl-entitajiet kritiċi u importanti kollha, inklużi l-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Fid-dawl tad-differenzi fl-istrutturi nazzjonali ta' governanza u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti settorjali jew il-korpi superviżorji u regolatorji tal-Unjoni diġà eżistenti, l-Istati Membri | (21) Fid-dawl tad-differenzi fl-istrutturi nazzjonali ta' governanza u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti settorjali jew il-korpi superviżorji u regolatorji tal-Unjoni diġà eżistenti, l-Istati Membri |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ ikunu jistgħu jiddeżinjaw aktar minn awtorità kompetenti nazzjonali waħda responsabbli għat-twettiq tal-kompiti marbuta mas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni tal-entitajiet essenzjali u importanti skont din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jassenjaw dan ir-rwol lil awtorità eżistenti. | jenħtieġ ikunu jistgħu jiddeżinjaw aktar minn awtorità kompetenti nazzjonali waħda responsabbli għat-twettiq tal-kompiti marbuta mas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni tal-entitajiet essenzjali u importanti skont din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jassenjaw dan ir-rwol lil awtorità eżistenti ***u jiżguraw li jkollha riżorsi adegwati biex taqdi dmirijietha b'mod effiċjenti u effettiv***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni transfruntieri fost l-awtoritajiet u biex din id-Direttiva tiġi implimentata b'mod effettiv, huwa meħtieġ li kull Stat Membru jiddeżinja punt uniku ta' kuntatt nazzjonali responsabbli biex jikkoordina kwistjonijiet relatati ***mas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni*** u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-livell tal-Unjoni. | (22) Biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni transfruntieri fost l-awtoritajiet u biex din id-Direttiva tiġi implimentata b'mod effettiv, huwa meħtieġ li kull Stat Membru jiddeżinja punt uniku ta' kuntatt nazzjonali responsabbli biex jikkoordina kwistjonijiet relatati ***maċ-ċibersigurtà*** u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-awtoritajiet kompetenti jew is-CSIRTs jenħtieġ jirċievu notifiki tal-inċidenti mingħand l-entitajiet b'mod effettiv u effiċjenti. Il-punti uniċi ta' kuntatt jenħtieġ jingħataw il-kompitu li jibagħtu n-notifiki tal-inċidenti lill-punti uniċi ta' kuntatt ***ta' Stati*** Membri ***oħra affettwati***. Fil-livell tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, biex jiġi żgurat punt uniku ta' dħul f'kull Stat Membru, jenħtieġ li l-punti uniċi ta' | (23) L-awtoritajiet kompetenti jew is-CSIRTs jenħtieġ jirċievu notifiki tal-inċidenti mingħand l-entitajiet b'mod effettiv u effiċjenti. Il-punti uniċi ta' kuntatt jenħtieġ ***li*** jingħataw il-kompitu li jibagħtu n-notifiki tal-inċidenti ***fil-ħin reali*** lill-punti uniċi ta' kuntatt ***tal-Istati*** Membri ***l-oħra kollha***. Fil-livell tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, biex jiġi żgurat punt uniku ta' dħul f'kull Stat Membru, jenħtieġ li l- |

| | |
|---|---|
| kuntatt ikunu wkoll id-destinatarji ta' informazzjoni rilevanti dwar inċidenti li jikkonċernaw lil entitajiet tas-settur finanzjarju mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament XX/XX li jenħtieġ ikunu jistgħu jibagħtu, kif xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rilevanti jew lis-CSIRTs skont din id-Direttiva. | punti uniċi ta' kuntatt ikunu wkoll id-destinatarji ta' informazzjoni rilevanti dwar inċidenti li jikkonċernaw lil entitajiet tas-settur finanzjarju mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament XX/XX li jenħtieġ ikunu jistgħu jibagħtu, kif xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rilevanti jew lis-CSIRTs skont din id-Direttiva. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Fir-rigward tad-data personali, is-CSIRTs jenħtieġ ***ikunu*** jistgħu jipprovdu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] ***fir-rigward tad-data personali***, f'isem u fuq talba minn entità skont din id-Direttiva, ***skennjar proattiv tan-network*** u ***s-sistemi tal-informazzjoni*** użati għall-forniment tas-servizzi tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw livell ugwali ta' kapaċitajiet tekniċi għas-CSIRTs settorjali kollha. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fl-iżvilupp tas-CSIRTs nazzjonali. | (25) Fir-rigward tad-data personali, is-CSIRTs jenħtieġ ***li jkunu*** jistgħu jipprovdu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] ***u mad-Direttiva 2002/58/KE***, f'isem u fuq talba minn entità skont din id-Direttiva, ***sken tas-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni*** u ***l-firxa tan-network*** użati għall-forniment tas-servizzi tagħhom ***biex jidentifikaw, jimmitigaw jew jipprevjenu theddidiet speċifiċi***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw livell ugwali ta' kapaċitajiet tekniċi għas-CSIRTs settorjali kollha. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) fl-iżvilupp tas-CSIRTs nazzjonali. ***Barra minn hekk, ir-riskji taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li qatt ma jintużaw bħala pretest għall-ksur tad-drittijiet fundamentali.*** |
| [19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, | [19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, |

4.5.2016, p. 1).

4.5.2016, p. 1).

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) F'konformità mal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1548 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira ("Blueprint")[20], inċident fuq skala kbira jenħtieġ ifisser inċident b'impatt sinifikanti fuq mill-inqas żewġ Stati Membri jew li t-tfixkil tiegħu jaqbeż il-kapaċità ta' Stat Membru li jirrispondi għalih. Skont il-kawża u l-impatt tagħhom, inċidenti fuq skala kbira jistgħu jeskalaw u jinbidlu fi kriżijiet sħaħ li ma jippermettux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Minħabba l-ambitu wiesa' u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, in-natura transfruntiera ta' inċidenti bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jikkooperaw fil-livell tekniku, operazzjonali u politiku biex jikkoordinaw sew ir-rispons madwar l-Unjoni. | (27) F'konformità mal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1548 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira ("Blueprint")[20], inċident fuq skala kbira jenħtieġ ifisser inċident b'impatt sinifikanti fuq mill-inqas żewġ Stati Membri jew li t-tfixkil tiegħu jaqbeż il-kapaċità ta' Stat Membru li jirrispondi għalih. Skont il-kawża u l-impatt tagħhom, inċidenti fuq skala kbira jistgħu jeskalaw u jinbidlu fi kriżijiet sħaħ li ma jippermettux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern ***jew li joħolqu riskji serji għas-siġurtà pubblika f'għadd ta' Stati Membri jew fl-Unjoni kollha kemm hi***. Minħabba l-ambitu wiesa' u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, in-natura transfruntiera ta' inċidenti bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jikkooperaw fil-livell tekniku, operazzjonali u politiku biex jikkoordinaw sew ir-rispons madwar l-Unjoni. ***L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-mod li bih ir-regoli tal-UE jiġu implimentati, jappoġġaw lil xulxin f'każ ta' kwalunkwe problema transfruntiera, jistabbilixxu djalogu aktar strutturat mas-settur privat u jikkooperaw rigward ir-riskji għas-sigurtà u t-theddid assoċjat mat-teknoloġiji ġodda, kif kien il-każ bit-teknoloġija 5G.*** |

[20] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons koordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala

[20] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons koordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala

| | |
|---|---|
| kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36). | kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36). |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Meta jiżviluppa dokumenti ta' gwida, il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ li konsistentement: jimmeppja s-soluzzjonijiet u l-esperjenzi nazzjonali, jivvaluta l-impatt tar-riżultati tanġibbli tal-Grupp ta' Kooperazzjoni fuq l-approċċi nazzjonali, jiddiskuti l-isfidi tal-implimentazzjoni u jifformula rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati b'implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti. | (33) Meta jiżviluppa dokumenti ta' gwida, il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ li konsistentement: jimmeppja s-soluzzjonijiet u l-esperjenzi nazzjonali ***u settorjali***, jivvaluta l-impatt tar-riżultati tanġibbli tal-Grupp ta' Kooperazzjoni fuq l-approċċi nazzjonali ***u settorjali***, jiddiskuti l-isfidi tal-implimentazzjoni u jifformula rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati b'implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ jibqa' forum flessibbli u jkun jista' jirreaġixxi għal prijoritajiet u sfidi ta' politika ġodda u li qed jinbidlu filwaqt li jqis id-disponibbiltà tar-riżorsi. Jenħtieġ jorganizza laqgħat konġunti regolari ma' partijiet ikkonċernati privati rilevanti minn madwar l-Unjoni biex jiddiskuti l-attivitajiet imwettqa mill-Grupp u jiġbor kontribut dwar l-isfidi emerġenti tal-politika. Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni, il-Grupp jenħtieġ ***jikkunsidra*** li jistieden ***lil korpi*** u ***aġenziji*** tal-Unjoni involuti fil-politika taċ-ċibersigurtà, ***bħaċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3)***, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali | (34) Il-Grupp ta' Kooperazzjoni jenħtieġ jibqa' forum flessibbli u jkun jista' jirreaġixxi għal prijoritajiet u sfidi ta' politika ġodda u li qed jinbidlu filwaqt li jqis id-disponibbiltà tar-riżorsi. Jenħtieġ jorganizza laqgħat konġunti regolari ma' partijiet ikkonċernati privati rilevanti minn madwar l-Unjoni biex jiddiskuti l-attivitajiet imwettqa mill-Grupp u jiġbor kontribut dwar l-isfidi emerġenti tal-politika. Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni, il-Grupp jenħtieġ li jistieden ***lill-korpi*** u ***l-aġenziji*** tal-Unjoni ***rilevanti*** involuti fil-politika taċ-ċibersigurtà, ***b'mod partikolari l-Europol***, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) biex jipparteċipaw fil-ħidma |

| | |
|---|---|
| (EUSPA) biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu. | tiegħu. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Jenħtieġ li meta jkun xieraq, l-Unjoni tkun tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jippermettu u jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'xi attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u n-network tas-CSIRTs. ***Ftehimiet bħal dawn*** jenħtieġ ***jiżguraw protezzjoni adegwata tad-data***. | (36) Jenħtieġ li meta jkun xieraq, l-Unjoni tkun tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jippermettu u jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'xi attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u n-network tas-CSIRTs. ***Sa fejn dik id-data personali tiġi ttrasferita lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali,*** jenħtieġ ***li japplika l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) L-Istati Membri jenħtieġ jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Qafas ta' Rispons għall-Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbilit fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 permezz tan-networks ta' kooperazzjoni eżistenti, b'mod partikolari n-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe), in-network tas-CSIRTs u l-Grupp ta' Kooperazzjoni. Jenħtieġ li n-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) u n-network tas-CSIRTs jikkooperaw abbażi ta' arranġamenti | (37) L-Istati Membri jenħtieġ jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Qafas ta' Rispons għall-Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbilit fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 permezz tan-networks ta' kooperazzjoni eżistenti, b'mod partikolari n-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe), in-network tas-CSIRTs u l-Grupp ta' Kooperazzjoni. Jenħtieġ li n-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) u n-network tas-CSIRTs jikkooperaw abbażi ta' arranġamenti |

| | |
|---|---|
| proċedurali li jiddefinixxu l-modalitajiet ta' dik il-kooperazzjoni. Ir-regoli ta' proċedura tan-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) jenħtieġ jispeċifikaw aktar il-modalitajiet li permezz tagħhom in-network jenħtieġ jiffunzjona, inkluż għal rwoli, modi ta' kooperazzjoni, interazzjonijiet ma' atturi rilevanti oħra u mudelli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll mezzi ta' komunikazzjoni iżda mhux limitat għalihom. Għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, il-partijiet rilevanti jenħtieġ ikunu jiddependu fuq l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR). Il-Kummissjoni jenħtieġ tuża l-proċess transsettorjali ta' livell għoli ARGUS għall-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi għal dan il-għan. Jekk il-kriżi tinvolvi dimensjoni esterna importanti jew waħda marbuta mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), jenħtieġ jiġi attivat il-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRM) tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). | proċedurali li jiddefinixxu l-modalitajiet ta' dik il-kooperazzjoni. Ir-regoli ta' proċedura tan-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) jenħtieġ jispeċifikaw aktar il-modalitajiet li permezz tagħhom in-network jenħtieġ jiffunzjona, inkluż għal rwoli, modi ta' kooperazzjoni, interazzjonijiet ma' atturi rilevanti oħra u mudelli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll mezzi ta' komunikazzjoni iżda mhux limitat għalihom. Għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, il-partijiet rilevanti jenħtieġ ikunu jiddependu fuq l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR). Il-Kummissjoni jenħtieġ tuża l-proċess transsettorjali ta' livell għoli ARGUS għall-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi għal dan il-għan. Jekk il-kriżi ***tikkonċerna żewġ Stati Membri jew aktar u hija suspettata li hija ta' natura kriminali, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata l-attivazzjoni tal-Protokoll għar-Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-liġi tal-UE. Jekk il-kriżi*** tinvolvi dimensjoni esterna importanti jew waħda marbuta mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), jenħtieġ jiġi attivat il-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRM) tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) L-entitajiet jenħtieġ jindirizzaw ukoll ir-riskji taċ-ċibersigurtà li jirriżultaw mill-interazzjonijiet u r-relazzjonijiet tagħhom ma' partijiet ikkonċernati oħra f'ekosistema usa'. B'mod partikolari, l-entitajiet jenħtieġ jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-kooperazzjoni tagħhom mal-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka ssir | (45) L-entitajiet jenħtieġ jindirizzaw ukoll ir-riskji taċ-ċibersigurtà li jirriżultaw mill-interazzjonijiet u r-relazzjonijiet tagħhom ma' partijiet ikkonċernati oħra f'ekosistema usa'. B'mod partikolari, l-entitajiet jenħtieġ jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-kooperazzjoni tagħhom mal-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka ssir |

| | |
|---|---|
| f'konformità mal-politiki tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà u timxi skont prattiki tajba relatati mal-aċċess u d-disseminazzjoni siguri tal-informazzjoni b'mod ġenerali u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali b'mod partikolari. Bl-istess mod, minħabba l-importanza u l-valur tad-data għall-attivitajiet tal-entitajiet, meta jiddependu fuq servizzi ta' trasformazzjoni tad-data u ta' analitika tad-data minn partijiet terzi, jenħtieġ li l-entitajiet jieħdu l-miżuri xierqa kollha taċ-ċibersigurtà. | f'konformità mal-politiki tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà u timxi skont prattiki tajba relatati mal-aċċess u d-disseminazzjoni siguri tal-informazzjoni b'mod ġenerali u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali b'mod partikolari. Bl-istess mod, minħabba l-importanza u l-valur tad-data għall-attivitajiet tal-entitajiet, meta jiddependu fuq servizzi ta' trasformazzjoni tad-data u ta' analitika tad-data minn partijiet terzi, jenħtieġ li l-entitajiet jieħdu l-miżuri xierqa kollha taċ-ċibersigurtà ***u jirrapportaw kwalunkwe attakk ċibernetiku li huma jidentifikaw***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 46a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(46 a) Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-fatt li s-servizzi, is-sistemi jew il-prodotti tal-ICT soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi fil-pajjiż ta' oriġini li jistgħu jirrappreżentaw ostaklu għall-konformità mal-liġi tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Fejn xieraq, l-EDPB għandu jiġi kkonsultat fil-qafas ta' tali valutazzjonijiet tar-riskju. Is-software liberu u b'sors miftuħ kif ukoll l-hardware b'sors miftuħ jistgħu jġibu benefiċċji kbar f'dik li hija ċibersigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u l-verifikabbiltà tal-karatteristiċi. Peress li dan jista' jgħin biex jiġu indirizzati u mitigati riskji speċifiċi tal-katina tal-provvista, l-użu tagħhom jenħtieġ li jkun ippreferut fejn fattibbli f'konformità mal-Opinjoni 5/2021 tal-EDPS[1a].*** |
| | ***[1a] Opinjoni 5/2021 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà u d-Direttiva*** |

*NIS 2.0, 11 ta' Marzu 2021*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-katina tal-provvista, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-settur ikkonċernat, jenħtieġ iqisu l-fatturi tekniċi u, meta rilevanti, ***l-fatturi*** mhux tekniċi, ***inkluż*** dawk definiti fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2019/534, fil-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata mal-UE kollha tas-sigurtà tan-networks 5G u fis-Sett ta' Għodod tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà 5G maqbula mill-Grupp ta' Kooperazzjoni. Biex jiġu identifikati l-ktajjen tal-provvista li jenħtieġ ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju kkoordinata, jenħtieġ jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (i) il-punt sa fejn l-entitajiet essenzjali u importanti jużaw u jiddependu fuq servizzi, sistemi jew prodotti kritiċi speċifiċi tal-ICT; (ii) ir-rilevanza ta' servizzi, sistemi jew prodotti kritiċi speċifiċi tal-ICT għat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, inkluż l-ipproċessar ta' data personali; (iii) id-disponibbiltà ta' servizzi, sistemi u prodotti tal-ICT alternattivi; (iv) ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista ġenerali tas-servizzi, tas-sistemi jew tal-prodotti tal-ICT kontra avvenimenti ta' tfixkil; u (v) għas-servizzi, is-sistemi jew il-prodotti tal-ICT emerġenti, is-sinifikat futur potenzjali tagħhom għall-attivitajiet tal-entitajiet. | (47) Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-katina tal-provvista, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-settur ikkonċernat, jenħtieġ ***li*** iqisu l-fatturi tekniċi u, meta rilevanti, ***il-fatturi*** mhux tekniċi ***li jenħtieġ li jkomplu jiġu speċifikati aktar mill-Grupp ta' Koordinazzjoni***, ***u li jinkludu*** dawk definiti fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2019/534, fil-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata mal-UE kollha tas-sigurtà tan-networks 5G u fis-Sett ta' Għodod tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà 5G maqbula mill-Grupp ta' Kooperazzjoni. Biex jiġu identifikati l-ktajjen tal-provvista li jenħtieġ ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju kkoordinata, jenħtieġ jitqiesu l-kriterji li ġejjin: (i) il-punt sa fejn l-entitajiet essenzjali u importanti jużaw u jiddependu fuq servizzi, sistemi jew prodotti kritiċi speċifiċi tal-ICT; (ii) ir-rilevanza ta' servizzi, sistemi jew prodotti kritiċi speċifiċi tal-ICT għat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, inkluż l-ipproċessar ta' data personali; (iii) id-disponibbiltà ta' servizzi, sistemi u prodotti tal-ICT alternattivi; (iv) ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista ġenerali tas-servizzi, tas-sistemi jew tal-prodotti tal-ICT kontra avvenimenti ta' tfixkil; u (v) għas-servizzi, is-sistemi jew il-prodotti tal-ICT emerġenti, is-sinifikat futur potenzjali tagħhom għall-attivitajiet tal-entitajiet. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(48a) L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) spiss ma jkollhomx l-iskala u r-riżorsi biex jissodisfaw firxa wiesgħa u dejjem tikber ta' ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà f'dinja interkonnessa b'żieda fix-xogħol mill-bogħod. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw, fl-istrateġiji nazzjonali taċ-ċibersigurtà tagħhom, gwida u appoġġ għall-SMEs.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (50) Minħabba l-importanza li qed tikber tas-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, jeħtieġ jiġi żgurat li s-servizzi ta' dan it-tip ikunu wkoll soġġetti għal rekwiżiti xierqa tas-sigurtà fid-dawl tan-natura speċifika u l-importanza ekonomika tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi bħal dawn jiżguraw ukoll livell ta' ***sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni*** li jkun xieraq għar-riskju maħluq. Peress li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri normalment ma jeżerċitawx kontroll effettiv fuq it-trażmissjoni tas-sinjali fuq in-networks, il-livell tar-riskju għal dawn is-servizzi jista' jitqies, f'ċerti aspetti, li huwa inqas minn dak għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika tradizzjonali. L-istess japplika għas-servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali li jużaw in-numri u li ma jeżerċitawx kontroll effettiv fuq it-trażmissjoni tas-sinjali. | (50) Minħabba l-importanza li qed tikber tas-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, jeħtieġ jiġi żgurat li s-servizzi ta' dan it-tip ikunu wkoll soġġetti għal rekwiżiti xierqa tas-sigurtà fid-dawl tan-natura speċifika u l-importanza ekonomika tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi bħal dawn jiżguraw ukoll livell ta' ***ċibersigurtà*** li jkun xieraq għar-riskju maħluq. Peress li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri normalment ma jeżerċitawx kontroll effettiv fuq it-trażmissjoni tas-sinjali fuq in-networks, il-livell tar-riskju għal dawn is-servizzi jista' jitqies, f'ċerti aspetti, li huwa inqas minn dak għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika tradizzjonali. L-istess japplika għas-servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali li jużaw in-numri u li ma jeżerċitawx kontroll effettiv fuq it-trażmissjoni tas-sinjali. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Meta jkun xieraq, l-entitajiet jenħtieġ jinfurmaw lir-riċevituri tas-servizz tagħhom dwar theddid partikolari u sinifikanti u dwar miżuri li jistgħu jieħdu biex itaffu r-riskju li jirriżulta għalihom. Ir-rekwiżit li r-riċevituri ta' theddid bħal dan jiġu infurmati, jenħtieġ li ma jeħlisx lill-fornitur tas-servizz mill-obbligu li jieħu, bi spejjeż tiegħu, miżuri adattati u immedjati biex jipprevjeni jew jirrimedja kwalunkwe theddid għas-sigurtà u jistabbilixxi mill-ġdid il-livell ta' sigurtà normali tas-servizz. Jenħtieġ li l-għoti ta' informazzjoni bħal din dwar it-theddid għas-sigurtà tkun mingħajr ħlas għar-riċevituri. | (52) Meta jkun xieraq, l-entitajiet jenħtieġ ***li jingħataw il-kapaċità li*** jinfurmaw lir-riċevituri tas-servizz tagħhom dwar theddid partikolari u sinifikanti u dwar miżuri li jistgħu jieħdu biex itaffu r-riskju li jirriżulta għalihom. Ir-rekwiżit li r-riċevituri ta' theddid bħal dan jiġu infurmati, jenħtieġ li ma jeħlisx lill-fornitur tas-servizz mill-obbligu li jieħu, bi spejjeż tiegħu, miżuri adattati u immedjati biex jipprevjeni jew jirrimedja kwalunkwe theddid għas-sigurtà u jistabbilixxi mill-ġdid il-livell ta' sigurtà normali tas-servizz. Jenħtieġ li l-għoti ta' informazzjoni bħal din dwar it-theddid għas-sigurtà tkun mingħajr ħlas għar-riċevituri. |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-fornituri ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika jew tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jinformaw lir-riċevituri tas-servizz dwar theddid ċibernetiku partikolari u sinifikanti u dwar il-miżuri li jistgħu jieħdu biex jipproteġu s-sigurtà tal-komunikazzjoni tagħhom, pereżempju billi jużaw tipi speċifiċi ta' software jew teknoloġiji ta' kriptaġġ. | (53) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-fornituri ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika jew tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku ***jimplimentaw is-sigurtà mid-disinn u b'mod awtomatiku u jkunu kapaċi*** jinformaw lir-riċevituri tas-servizz dwar theddid ċibernetiku partikolari u sinifikanti u dwar il-miżuri li jistgħu jieħdu biex jipproteġu s-sigurtà ***tal-apparat u*** tal-komunikazzjoni tagħhom, pereżempju billi jużaw tipi speċifiċi ta' software jew teknoloġiji ta' kriptaġġ. ***Biex tiżdied is-sigurtà tal-hardware u tas-software, jenħtieġ li l-fornituri jiġu mħeġġa jużaw hardware b'sors miftuħ u miftuħ.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) ***Biex*** titħares is-sigurtà tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, jenħtieġ jiġi promoss l-użu tal-kriptaġġ, u b'mod partikolari l-kriptaġġ minn tarf sa tarf u, ***meta*** meħtieġ, jenħtieġ li dan ikun obbligatorju għall-fornituri ta' tali servizzi u networks f'konformità mal-prinċipji tas-sigurtà u tal-privatezza b'mod awtomatiku u b'mod maħsub għall-finijiet tal-Artikolu 18. L-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf jenħtieġ jiġi rikonċiljat ***mas-setgħat*** tal-Istat Membru li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà u tas-sigurtà pubblika tiegħu, u li jippermetti ***l-investigazzjoni***, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Is-soluzzjonijiet għal aċċess legali għall-informazzjoni f'komunikazzjoni kriptata minn tarf sa tarf jenħtieġ ***iżommu*** l-effettività tal-kriptaġġ fil-protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tal-komunikazzjoni, ***filwaqt*** li ***jipprovdu rispons effettiv għall-kriminalità***. | (54) ***Sabiex*** titħares is-sigurtà tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika ***kif ukoll id-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data u għall-privatezza***, jenħtieġ ***li*** jiġi promoss l-użu tal-kriptaġġ, u b'mod partikolari l-kriptaġġ minn tarf sa tarf u, ***fejn*** meħtieġ, jenħtieġ li dan ikun obbligatorju għall-fornituri ta' tali servizzi u networks f'konformità mal-prinċipji tas-sigurtà u tal-privatezza b'mod awtomatiku u b'mod maħsub ***fid-disinn*** għall-finijiet tal-Artikolu 18. L-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf jenħtieġ ***li*** jiġi rikonċiljat ***mar-responsabbiltajiet*** tal-Istat Membru li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà u tas-sigurtà pubblika tiegħu, u li jippermetti ***l-prevenzjoni***, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni ***u dik nazzjonali***. Is-soluzzjonijiet għal aċċess legali għall-informazzjoni f'komunikazzjoni kriptata minn tarf sa tarf jenħtieġ ***li jżommu*** l-effettività tal-kriptaġġ fil-protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tal-komunikazzjoni***. Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jitqies bħala sforz biex jiddgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf permezz ta' "backdoors" jew soluzzjonijiet simili, peress li n-nuqqasijiat fil-kriptaġġ jistgħu jintużaw għal finijiet malizzjużi. Kwalunkwe miżura mmirata lejn id-dgħajfien tal-kriptaġġ jew iċ-ċirkomvenzjoni tal-arkitettura tat-teknoloġija tista' ġġarrab riskji sinifikanti għall-kapaċitajiet ta' protezzjoni effettivi li tinvolvi. Kwalunkwe dekriptaġġ mhux awtorizzat jew monitoraġġ ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għajr dawk li jsiru minn awtoritajiet legali jenħtieġ li jiġi pprojbit sabiex jiġu żgurati l-effettività tat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***teknoloġija u l-użu usa' tagħha. Huwa importanti li l-Istati Membri jindirizzaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet legali u r-riċerkaturi tal-vulnerabbiltà. F'xi Stati Membri l-entitajiet u l-persuni fiżiċi li jirriċerkaw il-vulnerabbiltajiet huma esposti għal responsabbiltà kriminali u ċivili. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa joħorġu linji gwida għan-nuqqas ta' prosekuzzjoni u n-nuqqas ta' responsabbiltà tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 56**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) L-entitajiet essenzjali u importanti ta' spiss ikollhom jirraportaw inċident partikolari, minħabba l-karatteristiċi tiegħu, lil diversi awtoritajiet minħabba l-obbligi ta' notifika inklużi f'diversi strumenti legali. Dawn l-istanzi joħolqu piżijiet addizzjonali u jistgħu jwasslu wkoll għal inċertezzi rigward il-format u l-proċeduri ta' dawn in-notifiki. Fid-dawl ta' dan, u għall-finijiet tas-simplifikazzjoni tar-rapportar tal-inċidenti tas-sigurtà, l-Istati Membri jenħtieġ jistabbilixxu punt uniku ta' dħul ***għan-notifiki kollha*** meħtieġa skont din id-Direttiva u skont liġi oħra tal-Unjoni bħar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li l-ENISA, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni, tiżviluppa mudelli ta' notifika komuni permezz ta' linji gwida li jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw l-informazzjoni tar-rapportar mitluba mil-liġi tal-Unjoni u jnaqqsu l-piżijiet għall-kumpaniji. | (56) L-entitajiet essenzjali u importanti ta' spiss ikollhom jirraportaw inċident partikolari, minħabba l-karatteristiċi tiegħu, lil diversi awtoritajiet minħabba l-obbligi ta' notifika inklużi f'diversi strumenti legali. Dawn l-istanzi joħolqu piżijiet addizzjonali u jistgħu jwasslu wkoll għal inċertezzi rigward il-format u l-proċeduri ta' dawn in-notifiki. Fid-dawl ta' dan, u għall-finijiet tas-simplifikazzjoni tar-rapportar tal-inċidenti tas-sigurtà, l-Istati Membri jenħtieġ jistabbilixxu punt uniku ta' dħul meħtieġa skont din id-Direttiva u skont liġi oħra tal-Unjoni bħar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li l-ENISA, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni ***u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***, tiżviluppa mudelli ta' notifika komuni permezz ta' linji gwida li jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw l-informazzjoni tar-rapportar mitluba mil-liġi tal-Unjoni u jnaqqsu l-piżijiet għall-kumpaniji. |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) Meta jkun suspettat li inċident huwa relatat ma' attivitajiet kriminali serji skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ jinkoraġġixxu lill-entitajiet essenzjali u importanti, skont ir-regoli tal-proċedimenti kriminali applikabbli f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, biex l-inċidenti suspettati li għandhom natura kriminali serja jirrapportawhom lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti. Meta jkun xieraq, u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali li japplikaw għall-Europol, huwa mixtieq li l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri differenti tiġi ffaċilitata ***mill-EC***3 u l-ENISA. | (57) Meta jkun suspettat li inċident huwa relatat ma' attivitajiet kriminali serji skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ ***li*** jinkoraġġixxu lill-entitajiet essenzjali u importanti, skont ir-regoli tal-proċedimenti kriminali applikabbli f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, biex l-inċidenti suspettati li għandhom natura kriminali serja jirrapportawhom lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti. Meta jkun xieraq, u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali li japplikaw għall-Europol, huwa mixtieq li l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri differenti tiġi ffaċilitata ***miċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC***3***) tal-Europol*** u l-ENISA. |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Ħafna drabi, id-data personali tiġi kompromessa minħabba l-inċidenti. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u mal-awtoritajiet superviżorji skont ***id-Direttiva*** 2002/58/KE. | (58) Ħafna drabi, id-data personali tiġi kompromessa minħabba l-inċidenti. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u mal-awtoritajiet superviżorji skont ***ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva*** 2002/58/KE. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Iż-żamma ta' bażijiet tad-data preċiżi u kompleti tal-ismijiet ta' dominji u tad-data tar-reġistrazzjoni (l-hekk imsejħa "data WHOIS") u l-għoti ta' aċċess legali għal tali data huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tad-DNS, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni. Meta l-ipproċessar ikun jinkludi data personali, dan l-ipproċessar jenħtieġ ***ikun*** konformi mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. | (59) Iż-żamma ta' bażijiet tad-data preċiżi u kompleti tal-ismijiet ta' dominji u tad-data tar-reġistrazzjoni (l-hekk imsejħa "data WHOIS") u l-għoti ta' aċċess legali għal tali data huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tad-DNS, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni. Meta l-ipproċessar ikun jinkludi data personali, dan l-ipproċessar jenħtieġ ***li jkun*** konformi mal-liġi ***applikabbli*** tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 62**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (62) ***Jenħtieġ*** li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji għalihom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku ***d-data*** tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji ***li mhix fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***, ***bħal data li tikkonċerna persuni ġuridiċi***[25]. Jenħtieġ li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji għat-TLD jippermettu wkoll aċċess legali għal data speċifika tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji li tikkonċerna persuni fiżiċi, lil persuni li jridu aċċess leġittimu, ***f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***. L-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdulhom servizzi ta' reġistrazzjoni | (62) ***Sabiex jikkonformaw ma' obbligu legali skont it-termini tal-Artikolu 6(1)(c) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ*** li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji għalihom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku ***ċerta data*** tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji ***speċifikata fil-liġi tal-Istati Membri li għaliha huma soġġetti***, ***bħall-isem tad-dominju u l-isem tal-persuna ġuridika***. Jenħtieġ li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji għat-TLD jippermettu wkoll aċċess legali għal data speċifika tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji li tikkonċerna persuni fiżiċi, lil persuni li jridu aċċess leġittimu, ***b'mod partikolari lill-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jew lill-awtoritajiet*** |

tal-ismijiet ta' dominji jirrispondu mingħajr dewmien żejjed it-talbiet ta' ***dawk li jridu aċċess leġittimu*** għad-divulgazzjoni tad-data tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji. Ir-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdulhom servizzi tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji jenħtieġ jistabbilixxu politiki u proċeduri għall-pubblikazzjoni u d-divulgazzjoni tad-data tar-reġistrazzjoni, inkluż ftehimiet fil-livell ta' servizz biex jittrattaw it-talbiet għal aċċess mingħand dawk li jridu aċċess leġittimu. Il-proċedura tal-aċċess tista' tinkludi wkoll l-użu ta' interfaċċa, portal jew għodda teknika oħra biex tiġi pprovduta sistema effiċjenti għal talbiet u aċċess għal data tar-reġistrazzjoni. Bil-ħsieb li tippromwovi prattiki armonizzati fis-suq intern kollu, il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar tali proċeduri mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

[25] ***IR-REGOLAMENT (UE) 2016/679 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL premessa (14) fejn "dan ir-Regolament ma jkoprix l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċerna l-persuni ġuridiċi u b'mod partikolari l-impriżi stabbiliti bħala persuni ġuridiċi, inklużi l-isem u l-forma tal-persuna ġuridika u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna ġuridika".***

***superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 f'konformità mas-setgħat tagħhom***. L-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdulhom servizzi ta' reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji jirrispondu mingħajr dewmien żejjed it-talbiet ***magħmula b'mod legali u debitament ġustifikati mingħand awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet kompetenti fis-sens*** ta' ***din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew l-awtoritajiet superviżorji fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679,*** għad-divulgazzjoni tad-data tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji. Ir-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdulhom servizzi tar-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' dominji jenħtieġ jistabbilixxu politiki u proċeduri għall-pubblikazzjoni u d-divulgazzjoni tad-data tar-reġistrazzjoni, inkluż ftehimiet fil-livell ta' servizz biex jittrattaw it-talbiet għal aċċess mingħand dawk li jridu aċċess leġittimu. Il-proċedura tal-aċċess tista' tinkludi wkoll l-użu ta' interfaċċa, portal jew għodda teknika oħra biex tiġi pprovduta sistema effiċjenti għal talbiet u aċċess għal data tar-reġistrazzjoni. Bil-ħsieb li tippromwovi prattiki armonizzati fis-suq intern kollu, il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar tali proċeduri mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 63**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (63) ***Jenħtieġ*** li meta jipprovdu s-servizzi tagħhom, l-entitajiet essenzjali u importanti kollha ***ta'*** din id-Direttiva ***jkunu*** fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru. Jekk l-entità tipprovdi servizzi f'aktar minn Stat Membru wieħed, din jenħtieġ tkun fil-ġurisdizzjoni separata u konkorrenti ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri. L-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati Membri jenħtieġ jikkooperaw, jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin u meta jkun xieraq, iwettqu azzjonijiet superviżorji konġunti. | (63) ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ*** li meta ***jkunu qed*** jipprovdu s-servizzi tagħhom, l-entitajiet essenzjali u importanti kollha ***skont*** din id-Direttiva ***jaqgħu*** fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru. Jekk l-entità tipprovdi servizzi f'aktar minn Stat Membru wieħed, din jenħtieġ tkun fil-ġurisdizzjoni separata u konkorrenti ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri. L-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati Membri jenħtieġ ***li jaqblu dwar il-klassifikazzjonijiet kostitwenti,*** jikkooperaw ***kull fejn ikun possibbli***, jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin ***fil-ħin reali*** u meta jkun xieraq, iwettqu azzjonijiet superviżorji konġunti. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 64**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (64) Biex titqies in-natura transfruntiera tas-servizzi u l-operazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi tad-DNS, ir-reġistri tal-ismijiet tat-TLD, il-fornituri ta' network tal-konsenja tal-kontenut, il-fornituri ta' servizzi tal-cloud computing, il-fornituri ta' servizzi ta' ċentri tad-data u l-fornituri diġitali, Stat Membru wieħed biss jenħtieġ ikollu ġurisdizzjoni fuq dawn l-entitajiet. Jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni tiġi attribwita lill-Istat Membru fejn l-entità rispettiva jkollha l-istabbiliment ewlieni tagħha fl-Unjoni. Il-kriterju tal-istabbiliment għall-finijiet ta' din id-Direttiva jimplika l-eżerċizzju effettiv ta' attività permezz ta' arranġamenti stabbli. Il-forma legali ta' dawn l-arranġamenti, sew jekk permezz ta' | (64) Biex titqies in-natura transfruntiera tas-servizzi u l-operazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi tad-DNS, ir-reġistri tal-ismijiet tat-TLD, il-fornituri ta' network tal-konsenja tal-kontenut, il-fornituri ta' servizzi tal-cloud computing, il-fornituri ta' servizzi ta' ċentri tad-data u l-fornituri diġitali, Stat Membru wieħed biss jenħtieġ ikollu ġurisdizzjoni fuq dawn l-entitajiet. ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva,*** jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni tiġi attribwita lill-Istat Membru fejn l-entità rispettiva jkollha l-istabbiliment ewlieni tagħha fl-Unjoni. Il-kriterju tal-istabbiliment għall-finijiet ta' din id-Direttiva jimplika l-eżerċizzju effettiv ta' attività permezz ta' arranġamenti stabbli. Il-forma legali ta' dawn l- |

| | |
|---|---|
| fergħa jew sussidjarja b'personalità ġuridika, mhix il-fattur determinanti f'dak ir-rigward. Il-konformità ma' dan il-kriterju jenħtieġ ma tkunx tiddependi fuq jekk in-network u s-sistemi tal-informazzjoni jkunux jinsabu fiżikament f'post partikolari; il-preżenza u l-użu ta' tali sistemi, fihom infushom, ma jikkostitwux tali stabbiliment ewlieni u għalhekk mhumiex kriterji deċiżivi għad-determinazzjoni tal-istabbiliment ewlieni. Jenħtieġ li l-istabbiliment ewlieni jkun il-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet relatati mal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Tipikament, dan jikkorrispondi għall-post tal-amministrazzjoni ċentrali tal-kumpaniji fl-Unjoni. Jekk tali deċiżjonijiet ma jittieħdux fl-Unjoni, l-istabbiliment ewlieni jenħtieġ jitqies li jinsab fl-Istati Membri fejn l-entità jkollha stabbiliment bl-akbar numru ta' impjegati fl-Unjoni. Meta s-servizzi jitwettqu minn grupp ta' impriżi, l-istabbiliment ewlieni tal-impriża li tikkontrolla jenħtieġ jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni tal-grupp ta' impriżi. | arranġamenti, sew jekk permezz ta' fergħa jew sussidjarja b'personalità ġuridika, mhix il-fattur determinanti f'dak ir-rigward. Il-konformità ma' dan il-kriterju jenħtieġ ma tkunx tiddependi fuq jekk in-network u s-sistemi tal-informazzjoni jkunux jinsabu fiżikament f'post partikolari; il-preżenza u l-użu ta' tali sistemi, fihom infushom, ma jikkostitwux tali stabbiliment ewlieni u għalhekk mhumiex kriterji deċiżivi għad-determinazzjoni tal-istabbiliment ewlieni. Jenħtieġ li l-istabbiliment ewlieni jkun il-post fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet relatati mal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Tipikament, dan jikkorrispondi għall-post tal-amministrazzjoni ċentrali tal-kumpaniji fl-Unjoni. Jekk tali deċiżjonijiet ma jittieħdux fl-Unjoni, l-istabbiliment ewlieni jenħtieġ jitqies li jinsab fl-Istati Membri fejn l-entità jkollha stabbiliment bl-akbar numru ta' impjegati fl-Unjoni. Meta s-servizzi jitwettqu minn grupp ta' impriżi, l-istabbiliment ewlieni tal-impriża li tikkontrolla jenħtieġ jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni tal-grupp ta' impriżi. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 69**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (69) ***Jenħtieġ li l-ipproċessar*** tad-data personali, sa fejn ikun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-iżgurar tas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni minn entitajiet, awtoritajiet pubbliċi, CERTs, CSIRTs, u fornituri ta' teknoloġiji u servizzi tas-sigurtà, ***ikun*** jikkostitwixxi interess leġittimu tal-kontrollur tad-data kkonċernat, kif imsemmi ***fir-Regolament*** (UE) 2016/679. Jenħtieġ li dan jinkludi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-analiżi u r-rispons għall-inċidenti, miżuri għal għarfien dwar theddid ċibernetiku | (69) ***L-ipproċessar*** tad-data personali, sa fejn ikun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-iżgurar tas-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni minn entitajiet, awtoritajiet pubbliċi, CERTs, CSIRTs, u fornituri ta' teknoloġiji u servizzi tas-sigurtà, ***huwa meħtieġ għall-konformità mal-obbligi legali tagħhom skont il-liġi nazzjonali li tittrasponi lil din id-Direttiva, u għalhekk huwa kopert bl-Artikoli 6(1)(c) u 6(3) tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, jenħtieġ li tali pproċessar*** jikkostitwixxi interess leġittimu tal- |

speċifiku, l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tar-rimedju tal-vulnerabbiltà u d-divulgazzjoni ikkoordinata, kif ukoll l-iskambju volontarju ta' informazzjoni dwar dawk l-inċidenti, kif ukoll it-theddid ċibernetiku u l-vulnerabbiltajiet, l-indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri, it-twissijiet taċ-ċibersigurtà u l-għodod ta' konfigurazzjoni. ***Dawn il-miżuri*** jistgħu jeżiġu l-ipproċessar ***tat-tipi*** ta' data personali ***li ġejjin:*** Indirizzi IP, lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi (URLs), ismijiet ta' dominji, u indirizzi tal-email.

kontrollur tad-data kkonċernat, kif imsemmi ***fl-Artikolu 6(1)(f) tar-Regolament*** (UE) 2016/679. Jenħtieġ li dan jinkludi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-analiżi u r-rispons għall-inċidenti, miżuri għal għarfien dwar theddid ċibernetiku speċifiku, l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tar-rimedju tal-vulnerabbiltà u d-divulgazzjoni ikkoordinata, kif ukoll l-iskambju volontarju ta' informazzjoni dwar dawk l-inċidenti, kif ukoll it-theddid ċibernetiku u l-vulnerabbiltajiet, l-indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri, it-twissijiet taċ-ċibersigurtà u l-għodod ta' konfigurazzjoni. ***F'ħafna każijiet, id-data personali tiġi kompromessa wara inċidenti ċibernetiċi u, għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe ksur ta' data personali. Tali miżuri*** jistgħu jeżiġu l-ipproċessar ***ta' ċeri kategoriji*** ta' data personali***, inklużi*** indirizzi IP, lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi (URLs), ismijiet ta' dominji, u indirizzi tal-email.

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) Għal infurzar effettiv, jenħtieġ tiġi stabbilita lista minima ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u tal-obbligi tar-rapportar previsti f'din id-Direttiva, u din tistabbilixxi qafas ċar u konsistenti għal tali sanzjonijiet madwar l-Unjoni. Jenħtieġ jitqiesu kif xieraq ***in-natura, il-gravità*** u t-tul tal-ksur, id-dannu reali kkawżat jew it-telf imġarrab, jew id-dannu jew it-telf potenzjali li setgħu ġew skattati, il-karattru | (71) Għal infurzar effettiv, jenħtieġ tiġi stabbilita lista minima ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u tal-obbligi tar-rapportar previsti f'din id-Direttiva, u din tistabbilixxi qafas ċar u konsistenti għal tali sanzjonijiet madwar l-Unjoni. Jenħtieġ jitqiesu kif xieraq ***is-serjetà*** u t-tul tal-ksur, id-dannu reali kkawżat jew it-telf imġarrab, jew id-dannu jew it-telf potenzjali li setgħu ġew skattati***, kwalunkwe ksur preċedenti*** |

| | |
|---|---|
| intenzjonali jew negliġenti tal-ksur, l-azzjonijiet meħuda għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tad-dannu u/jew it-telf imġarrab, il-grad ta' responsabbiltà jew kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti, il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti u kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor. ***L-impożizzjoni ta' pieni***, inkluż multi amministrattivi, jenħtieġ tkun soġġetta għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż protezzjoni ġudizzjarja effettiva u proċess ġust. | ***rilevanti, il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità kompetenti***, il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur, l-azzjonijiet meħuda għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tad-dannu u/jew it-telf imġarrab, il-grad ta' responsabbiltà jew kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti, il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti u kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor. ***Il-pieni imposti***, inkluż multi amministrattivi, jenħtieġ tkun soġġetta għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż protezzjoni ġudizzjarja effettiva u proċess ġust. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 74**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (74) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni kriminali għall-ksur tar-regoli nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' pieni kriminali għall-ksur ta' dawn regoli nazzjonali u ta' pieni amministrattivi ma twassalx għal ksur tal-prinċipju ta' ne bis in idem, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. | (74) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni kriminali għall-ksur tar-regoli nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. ***Dawk il-pieni kriminali jistgħu wkoll jippermettu li jinċaħdu l-profitti miksuba permezz tal-ksur ta' dan ir-Regolament.*** Madankollu, jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' pieni kriminali għall-ksur ta' dawn regoli nazzjonali u ta' pieni amministrattivi ma twassalx għal ksur tal-prinċipju ta' ne bis in idem, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 76**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (76) Biex ikomplu jissaħħu l-effettività u d-dissważività tal-pieni applikabbli għall- | (76) Biex ikomplu jissaħħu l-effettività u d-dissważività tal-pieni applikabbli għall- |

| | |
|---|---|
| ksur tal-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ***ikollhom*** is-setgħa japplikaw sanzjonijiet li jikkonsistu fis-sospensjoni ta' ċertifikazzjoni jew awtorizzazzjoni b'rabta mas-servizzi ***kollha jew ma' parti minnhom ipprovduti*** minn entità essenzjali ***u fl-impożizzjoni ta' projbizzjoni temporanja mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet maniġerjali ta' persuna fiżika***. Minħabba ***s-severità*** u l-impatt tagħhom fuq l-attivitajiet tal-entitajiet u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-konsumaturi tagħhom, tali sanzjonijiet jenħtieġ jiġu applikati biss b'mod proporzjonali għas-severità tal-ksur u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, inkluż il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur, l-azzjonijiet meħuda għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tad-dannu u/jew it-telf imġarrab. Tali sanzjonijiet jenħtieġ jiġu applikati biss bħala ultima ratio, jiġifieri diment li jkunu ġew eżawriti l-azzjonijiet ta' infurzar rilevanti l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva; u jenħtieġ jiġu applikati diment li l-entitajiet li japplikaw għalihom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet jew jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-awtorità kompetenti li għalihom ikunu ġew applikati tali sanzjonijiet. L-impożizzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet għandha tkun soġġetta għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inkluż il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva***, il-proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal difiża. | ksur tal-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ***li jkollhom*** is-setgħa japplikaw sanzjonijiet li jikkonsistu fis-sospensjoni ta' ċertifikazzjoni jew awtorizzazzjoni b'rabta mas-servizzi ***rilevanti*** minn entità essenzjali. Minħabba ***s-serjetà*** u l-impatt tagħhom fuq l-attivitajiet tal-entitajiet u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-konsumaturi tagħhom, tali sanzjonijiet jenħtieġ jiġu applikati biss b'mod proporzjonali għas-severità tal-ksur u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, inkluż il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur, l-azzjonijiet meħuda għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tad-dannu u/jew it-telf imġarrab. Tali sanzjonijiet jenħtieġ jiġu applikati biss bħala ultima ratio, jiġifieri diment li jkunu ġew eżawriti l-azzjonijiet ta' infurzar rilevanti l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva; u jenħtieġ jiġu applikati diment li l-entitajiet li japplikaw għalihom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet jew jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-awtorità kompetenti li għalihom ikunu ġew applikati tali sanzjonijiet. L-impożizzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet għandha tkun soġġetta għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inklużi rimedji ġudizzjarji effettivi***, il-proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal difiża. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 77**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (77) Din id-Direttiva jenħtieġ | (77) Din id-Direttiva jenħtieġ ***li*** |

| | |
|---|---|
| tistabbilixxi regoli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji ***f'konformità mar-Regolament*** (UE) 2016/679 biex jiġi indirizzat il-ksur relatat mad-data personali. | tistabbilixxi regoli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ***skont din id-Direttiva*** u l-awtoritajiet superviżorji ***skont ir-Regolament*** (UE) 2016/679 biex jiġi indirizzat il-ksur relatat mad-data personali. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 79**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (79) Jenħtieġ jiġi introdott mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bejn il-pari li jippermetti l-valutazzjoni mill-esperti ddeżinjati mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tal-politiki dwar iċ-ċibersigurtà, inkluż il-livell tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u r-riżorsi disponibbli. | (79) Jenħtieġ jiġi introdott mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bejn il-pari li jippermetti l-valutazzjoni mill-esperti ddeżinjati mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tal-politiki dwar iċ-ċibersigurtà, inkluż il-livell tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u r-riżorsi disponibbli. ***Jenħtieġ li l-UE tiffaċilita rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira u toffri assistenza sabiex tgħin l-irkupru wara attakki ċibernetiċi bħal dawn.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 82a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(82 a) Din id-Direttiva ma tapplikax għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni. Madankollu, il-korpi tal-Unjoni jistgħu jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti fl-ambitu ta' din id-Direttiva. Sabiex jinkiseb livell uniformi ta' protezzjoni permezz ta' regoli konsistenti u omoġenji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika proposta leġiżlattiva biex tinkludi l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni fil-qafas taċ-ċibersigurtà għall-UE kollha sal-31 ta' Diċembru 2022.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 84**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (84) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u d-dritt tal-komunikazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti u d-dritt ta' smigħ. Din id-Direttiva jenħtieġ tiġi implimentata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji, | (84) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u d-dritt tal-komunikazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti u d-dritt ta' smigħ. Din id-Direttiva jenħtieġ ***li*** tiġi implimentata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji, ***u f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni li tirregola dawn il-kwistjonijiet. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, inklużi l-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti biex jimmonitorjaw il-konformità ma' dawk l-istrumenti legali.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tapplika għall-entitajiet pubbliċi u privati tat-tip magħrufa bħala entitajiet essenzjali fl-Anness I u bħala entitajiet importanti fl-Anness II. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-entitajiet li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro u żgħar skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.[28] | 1. Din id-Direttiva tapplika għall-entitajiet pubbliċi u privati tat-tip magħrufa bħala entitajiet essenzjali fl-Anness I u bħala entitajiet importanti fl-Anness II. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-entitajiet li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro u żgħar skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.[28] ***L-*** |

***Artikolu 3(4) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE mhuwiex applikabbli.***

---

[28] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[28] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iżda, irrispettivament mid-daqs tagħhom, din id-Direttiva tapplika wkoll għall-entitajiet imsemmija fl-Annessi I u II, meta: | 2. Iżda, irrispettivament mid-daqs tagħhom ***u abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 18***, din id-Direttiva tapplika wkoll għall-entitajiet imsemmija fl-Annessi I u II, meta: |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-entità tkun l-uniku fornitur ta' servizz ***fi Stat Membru***; | (c) l-entità tkun l-uniku fornitur ta' servizz ***fil-livell nazzjonali jew reġjonali***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tfixkil ***potenzjali*** tas-servizz ipprovdut mill-entità jista' jħalli impatt fuq is-sikurezza pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika; | (d) tfixkil tas-servizz ipprovdut mill-entità jista' jħalli impatt fuq is-sikurezza pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika; |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tfixkil ***potenzjali*** tas-servizz ipprovdut mill-entità jista' jwassal għal riskji sistemiċi, b'mod partikolari għas-setturi meta dan it-tfixkil jista' jħalli impatt transfruntier; | (e) tfixkil tas-servizz ipprovdut mill-entità jista' jwassal għal riskji sistemiċi, b'mod partikolari għas-setturi meta dan it-tfixkil jista' jħalli impatt transfruntier; |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 u mad-Direttiva 2002/58/KE u għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u proporzjonat għall-finijiet ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 tat-TFUE, l-informazzjoni li tkun kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Unjoni u nazzjonali, bħar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, għandha tiġi skambjata mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet rilevanti oħra biss meta dan l-iskambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li huwa ***rilevanti u proporzjonat*** għall-fini ta' dak l-iskambju. L-iskambju tal- | 5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 tat-TFUE, l-informazzjoni li tkun kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Unjoni u nazzjonali, bħar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, għandha tiġi skambjata mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet rilevanti oħra biss meta dan l-iskambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li huwa ***neċessarju*** għall-fini ta' dak l-iskambju. L-iskambju tal-informazzjoni |

| | |
|---|---|
| informazzjoni għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u jipproteġi l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali tal-entitajiet essenzjali jew importanti. | għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u jipproteġi l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali tal-entitajiet essenzjali jew importanti. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 a. Qabel il-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippubblika proposta leġiżlattiva biex tinkludi l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni (EUIs) fil-qafas taċ-ċibersigurtà ġenerali għall-UE kollha, bil-ħsieb li jinkiseb livell uniformi ta' protezzjoni permezz ta' regoli konsistenti u omoġenji.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe apparat jew grupp ta' apparati interkonnessi jew relatati, li wieħed minnhom jew aktar, skont programm, iwettqu pproċessar awtomatiku ta' data diġitali; | (b) kwalunkwe apparat jew grupp ta' apparati interkonnessi jew relatati, li wieħed minnhom jew aktar, skont programm, iwettqu pproċessar awtomatiku ta' data diġitali***, u li huma integrati fis-sistema tal-IT u huma użati għall-forniment tas-servizzi li għalihom huma maħsuba***; |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt (4)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "strateġija nazzjonali taċ- | (4) "strateġija nazzjonali taċ- |

| | |
|---|---|
| ċibersigurtà" tfisser qafas koerenti ta' Stat Membru li jipprovdi objettivi u prijoritajiet strateġiċi dwar ***is-sigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni*** f'dak l-Istat Membru; | ċibersigurtà" tfisser qafas koerenti ta' Stat Membru li jipprovdi objettivi u prijoritajiet strateġiċi dwar ***iċ-ċibersigurtà*** f'dak l-Istat Membru; |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) "punt ta' skambju fuq l-internet (IXP)" tfisser faċilità ta' network li tippermetti l-interkonnessjoni ta' aktar minn żewġ networks indipendenti (sistemi awtonomi), primarjament għall-fini li jiġi ffaċilitat l-iskambju tat-traffiku tal-internet; IXP jipprovdi interkonnessjoni għal sistemi awtonomi biss; IXP ma jeħtieġx li t-traffiku tal-internet, li jgħaddi bejn par ta' sistemi awtonomi parteċipanti, jgħaddi minn sistema awtonoma terza, u lanqas ma jibdel dan it-traffiku jew jinterferixxi mod ieħor miegħu;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(22) "pjattaforma ta' servizzi ta' networking soċjali" tfisser pjattaforma li tippermetti lill-utenti finali jikkonnettjaw, jikkondividu, jiskopru u jikkomunikaw bejniethom b'diversi apparati u b'mod partikolari b'chats, posts, videos u rakkomandazzjonijiet);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) "entità " tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali tal-post tal-istabbiliment tagħha, li filwaqt li taġixxi f'isimha stess tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi; | (24) "entità " tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ***kwalunkwe persuna*** ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali tal-post tal-istabbiliment tagħha, li filwaqt li taġixxi f'isimha stess tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi; |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) definizzjoni tal-objettivi u l-prijoritajiet tal-istrateġija tal-Istati Membri b'rabta maċ-ċibersigurtà; | (a) definizzjoni tal-objettivi u l-prijoritajiet tal-istrateġija tal-Istati Membri b'rabta maċ-ċibersigurtà***, filwaqt li jitqies il-livell ġenerali tal-ħarfien dwar iċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini kif ukoll dwar il-livell ġenerali ta' sigurtà tal-apparati konnessi tal-konsumaturi***; |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva u d-Direttiva (UE) XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] għall-finijiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-inċidenti u t-theddid ċibernetiku u t-twettiq tal-kompiti superviżorji. | (f) qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva u d-Direttiva (UE) XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi]***, kemm fi ħdan l-Istati Membri u kemm bejniethom,*** għall-finijiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-inċidenti u t-theddid ċibernetiku u t-twettiq tal-kompiti superviżorji. |

[38] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-

[38] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-

| | |
|---|---|
| pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa] | pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa] |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) linji gwida dwar l-inklużjoni u l-ispeċifikazzjoni ta' rekwiżiti relatati maċ-ċibersigurtà għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT fl-akkwist pubbliku; | (b) linji gwida dwar l-inklużjoni u l-ispeċifikazzjoni ta' rekwiżiti relatati maċ-ċibersigurtà għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT fl-akkwist pubbliku***, inklużi, iżda mhux biss, ir-rekwiżiti ta' kriptaġġ u l-promozzjoni tal-użu ta' prodotti taċ-ċibersigurtà b'sors miftuħ***; |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) politika relatata mas-sostenn tal-użu ta' data miftuħa u sorsi miftuħa bħala parti mis-sigurtà permezz tat-trasparenza;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) politika li tippromwovi l-privatezza u s-sigurtà tad-data personali tal-utenti tas-servizzi online;*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (e) politika dwar il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet taċ-ċibersigurtà, sensibilizzazzjoni u inizjattivi ta' riċerka u żvilupp; | (e) politika dwar il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet taċ-ċibersigurtà, sensibilizzazzjoni u inizjattivi ta' riċerka u żvilupp***, inkluż l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà biex l-entitajiet jiġu fornuti bi speċjalisti u tekniċi***; |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (f) politika dwar l-appoġġ għall-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka ***biex jiġu żviluppati*** għodod taċ-ċibersigurtà u infrastruttura tan-network sigura; | (f) politika dwar l-appoġġ għall-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka ***li jikkontribwixxu għall-istrateġija nazzjonali taċ-ċibersigurtà billi jiżviluppaw u jimplimentaw*** għodod taċ-ċibersigurtà u infrastruttura tan-network sigura ***li jikkontribwixxu għall-istrateġija nazzjonali taċ-ċibersigurtà, inklużi politiki speċifiċi li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mar-rappreżentanza tal-ġeneri u l-bilanċ bejniethom f'dan is-settur***; |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (h) politika li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, b'mod partikolari dawk esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fir-rigward ta' gwida u appoġġ biex ***titjieb ir-reżiljenza*** tagħhom għat-theddid taċ-ċibersigurtà. | (h) politika li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, b'mod partikolari dawk esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fir-rigward ta' gwida u appoġġ biex ***jittejbu r-reżiljenza*** tagħhom għat-theddid ***taċ-ċibersigurtà u l-kapaċità tagħhom li jwieġbu għall-inċidenti*** taċ-ċibersigurtà. |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ENISA għandha tiżviluppa u żżomm reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet. Għal dak il-għan, l-ENISA għandha tistabbilixxi u żżomm sistemi tal-informazzjoni, politiki u proċeduri xierqa biex, b'mod partikolari, tippermetti li l-entitajiet importanti u essenzjali u l-fornituri tagħhom tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni jiżvelaw u jirreġistraw il-vulnerabbiltajiet preżenti fil-prodotti tal-ICT jew fis-servizzi tal-ICT, u li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet li jkun hemm fir-reġistru lill-partijiet interessati kollha. Ir-reġistru għandu, b'mod partikolari, jinkludi informazzjoni li tiddeskrivi l-vulnerabbiltà, il-prodott tal-ICT jew is-servizz tal-ICT affettwati u s-severità tal-vulnerabbiltà mil-lat taċ-ċirkostanzi li fihom tista' tiġi sfruttata, id-disponibbiltà ta' patches relatati u, fin-nuqqas ta' patches disponibbli, gwida indirizzata lill-utenti ta' prodotti u servizzi vulnerabbli dwar kif jistgħu jittaffew ir-riskji li jirriżultaw mill-vulnerabbiltajiet divulgati. | 2. L-ENISA għandha tiżviluppa u żżomm reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet. Għal dak il-għan, l-ENISA għandha tistabbilixxi u żżomm sistemi tal-informazzjoni, politiki u proċeduri xierqa biex, b'mod partikolari, tippermetti li l-entitajiet importanti u essenzjali u l-fornituri tagħhom tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni jiżvelaw u jirreġistraw il-vulnerabbiltajiet preżenti fil-prodotti tal-ICT jew fis-servizzi tal-ICT, u li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet li jkun hemm fir-reġistru lill-partijiet interessati kollha. Ir-reġistru għandu, b'mod partikolari, jinkludi informazzjoni li tiddeskrivi l-vulnerabbiltà, il-prodott tal-ICT jew is-servizz tal-ICT affettwati u s-severità tal-vulnerabbiltà mil-lat taċ-ċirkostanzi li fihom tista' tiġi sfruttata, id-disponibbiltà ta' patches relatati u, fin-nuqqas ta' patches disponibbli, gwida indirizzata lill-utenti ta' prodotti u servizzi vulnerabbli dwar kif jistgħu jittaffew ir-riskji li jirriżultaw mill-vulnerabbiltajiet divulgati. ***Sabiex tiżgura s-sigurtà u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni inkluża fir-reġistru, l-ENISA għandha tapplika miżuri tas-sigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u tagħmel l-informazzjoni disponibbli f'formati li jinqraw mill-magni permezz ta' interfaċċi korrispondenti.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-objettivi tal-miżuri u l-attivitajiet nazzjonali ***ta' tħejjija***; | (a) l-objettivi tal-miżuri u l-attivitajiet nazzjonali ***u, fejn rilevanti u applikabbli, dawk reġjonali u transfruntiera fil-qasam tat-tħejjija***; |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) meta jintalbu minn entità, l-għoti ta' ***skennjar proattiv tan-network*** u ***s-sistemi tal-informazzjoni*** użati għall-forniment tas-servizzi tagħhom; | (e) meta jintalbu minn entità, l-għoti ta' ***sken tas-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni*** u ***l-firxa tan-network*** użati għall-forniment tas-servizzi tagħhom ***biex theddidiet speċifiċi jiġu identifikati, mitigati jew prevenuti***; ***l-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest ta' tali skennjar għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u, fi kwalunkwe każ, għall-indirizzi IP u l-URLs.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sa fejn ikun meħtieġ biex jitwettqu b'mod effettiv il-kompiti u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-punti uniċi ta' kuntatt u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, u l-awtoritajiet responsabbli għall-infrastruttura kritika skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] u l-awtoritajiet finanzjarji nazzjonali ddeżinjati f'konformità mar-Regolament (UE) ***XXXX/XXXX*** tal-Parlament Ewropew u | 4. Sa fejn ikun meħtieġ biex jitwettqu b'mod effettiv il-kompiti u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-punti uniċi ta' kuntatt u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, u l-awtoritajiet responsabbli għall-infrastruttura kritika skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] u l-awtoritajiet finanzjarji nazzjonali ddeżinjati f'konformità mar-Regolament (UE) ***XX/XX*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] [ir- |

tal-Kunsill[39] [ir-Regolament DORA] f'dak l-Istat Membru.

Regolament DORA] f'dak l-Istat Membru ***skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom***.

[39] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa]

[39] [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ĠU meta tkun magħrufa]

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jipprovdu informazzjoni b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] dwar ir-riskji taċ-ċibersigurtà, it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi li jaffettwaw lill-entitajiet essenzjali identifikati bħala kritiċi, jew bħala entitajiet ekwivalenti għall-entitajiet kritiċi, skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi], kif ukoll il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti bħala rispons għal dawk ir-riskji u l-inċidenti. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jipprovdu informazzjoni b'mod regolari ***u f'waqtu*** lill-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] dwar ir-riskji taċ-ċibersigurtà, it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi li jaffettwaw lill-entitajiet essenzjali identifikati bħala kritiċi, jew bħala entitajiet ekwivalenti għall-entitajiet kritiċi, skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi], kif ukoll il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti bħala rispons għal dawk ir-riskji u l-inċidenti. |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA. Is-servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ***għandu jipparteċipa*** fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni bħala ***osservatur***. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) | 3. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità fil-Europol u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom*** |

| | |
|---|---|
| f'konformità mal-Artikolu 17(5)(c) tar-Regolament (UE) XX/XX [ir-Regolament DORA] jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni. | ***jipparteċipaw*** fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni bħala ***osservaturi***. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) f'konformità mal-Artikolu 17(5)(c) tar-Regolament (UE) XX/XX [ir-Regolament DORA] jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni. |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jkun ***xieraq***, il-Grupp ta' Kooperazzjoni ***jista'*** jistieden ***lil rappreżentanti ta' partijiet*** ikkonċernati rilevanti biex jieħdu sehem fil-ħidma tiegħu. | Meta jkun ***rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tiegħu***, il-Grupp ta' Kooperazzjoni ***għandu*** jistieden ***lir-rappreżentanti tal-partijiet*** ikkonċernati rilevanti biex jieħdu sehem fil-ħidma tiegħu ***u lill-Parlament Ewropew biex jieħu sehem bħala osservatur***. |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-grupp ta' Kooperazzjoni għandu jiltaqa' regolarment u mill-inqas ***darba*** fis-sena mal-Grupp ta' Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi stabbilit skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] biex ***jippromwovi*** l-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju tal-informazzjoni. | 8. Il-grupp ta' Kooperazzjoni għandu jiltaqa' regolarment u mill-inqas ***darbtejn*** fis-sena mal-Grupp ta' Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi stabbilit skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] biex ***jiffaċilita*** l-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju tal-informazzjoni ***fil-ħin reali***. |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 2. In-network tas-CSIRTs għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-CSIRTs tal-Istati Membri u s-CERT-UE. Il-Kummissjoni ***għandha tieħu*** sehem fin-network tas-CSIRTs bħala ***osservatur***. L-ENISA għandha tipprovdi s-segretarjat u għandha tappoġġa b'mod attiv il-kooperazzjoni fost is-CSIRTs. | 2. In-network tas-CSIRTs għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-CSIRTs tal-Istati Membri u s-CERT-UE. Il-Kummissjoni ***u ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol għandhom jieħdu*** sehem fin-network tas-CSIRTs bħala ***osservaturi***. L-ENISA għandha tipprovdi s-segretarjat u għandha tappoġġa b'mod attiv il-kooperazzjoni fost is-CSIRTs. |

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Istati Membri ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 7, il-Kummissjoni u l-ENISA. L-ENISA għandha tipprovdi s-segretarjat tan-network u tappoġġa l-iskambju sigur tal-informazzjoni. | 2. In-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Istati Membri ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 7, il-Kummissjoni u l-ENISA. ***Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol għandu jieħu sehem fl-attivitajiet tal-EU-CyCLONe bħala osservatur.*** L-ENISA għandha tipprovdi s-segretarjat tan-network u tappoġġa l-iskambju sigur tal-informazzjoni. |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. In-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) għandu jikkoopera man-network tas-CSIRTs abbażi ta' arranġamenti proċedurali maqbula. | 6. In-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU - CyCLONe) għandu jikkoopera man-network tas-CSIRTs abbażi ta' arranġamenti proċedurali maqbula***, u mal-infurzar tal-liġi fil-qafas tal-Protokoll għar-Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-liġi tal-UE***. |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-ENISA għandha tipprepara rapport ***biennali*** dwar l-istat taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. B'mod partikolari, ***ir-rapport għandu*** jinkludi valutazzjoni ta' dan li ġej: | 1. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-ENISA għandha tipprepara rapport ***annwali*** dwar l-istat taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. ***Ir-rapport għandu jingħata f'format li jinqara mill-magni u,*** b'mod partikolari, jinkludi valutazzjoni ta' dan li ġej: |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq il-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) ħarsa ġenerali lejn il-livell ġenerali ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurta u l-użu tagħha fost iċ-ċittadini kif ukoll dwar il-livell ġenerali ta' sigurtà tal-apparat konness orjentat lejn il-konsumatur li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-korp maniġerjali jsegwu taħriġ speċifiku, b'mod regolari, biex jiksbu għarfien u ħiliet suffiċjenti ħalli jifhmu u jivvalutaw ir-riskji u l-prattiki ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà u l-impatt tagħhom fuq l-operazzjonijiet tal-entità. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-korp maniġerjali ***u l-ispeċjalisti responsabbli miċ-ċibersigurtà*** jsegwu taħriġ speċifiku, b'mod regolari, biex jiksbu għarfien u ħiliet suffiċjenti ħalli jifhmu u jivvalutaw ir-riskji u l-prattiki ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà ***li qed jevolvu*** u l-impatt tagħhom fuq l-operazzjonijiet tal-entità. |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jimmaniġġjaw ir-riskji li jinħolqu ***għas-sigurtà*** tan-network u ***s-sistemi*** tal-informazzjoni li ***l-entitajiet jużaw fil-forniment tas-servizzi*** tagħhom. Wara li jikkunsidraw l-aktar teknoloġiji avvanzati, dawk il-miżuri għandhom jiżguraw livell xieraq ta' ***sigurtà*** tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni skont ir-riskju maħluq. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jimmaniġġjaw ir-riskji li jinħolqu ***għaċ-ċibersigurtà*** tan-network u ***tas-sistemi*** tal-informazzjoni ***użati għall-forniment tas-servizzi tagħhom, u bil-ħsieb*** li ***tkun żgurata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi u jiġu mitigati r-riskji għad-drittijiet tal-individwi meta d-data personali*** tagħhom ***tiġi pproċessata***. Wara li jikkunsidraw l-aktar teknoloġiji avvanzati, dawk il-miżuri għandhom jiżguraw livell xieraq ta' ***ċibersigurtà*** tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni skont ir-riskju maħluq. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-użu tal-kriptografija u l-kriptaġġ. | (g) l-użu tal-kriptografija u l-kriptaġġ ***b'saħħtu***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jikkunsidraw il-miżuri xierqa msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2, l-entitajiet għandhom iqisu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi għal kull fornitur u fornitur tas-servizzi u l-kwalità ġenerali tal-prodotti u l-prattiki taċ-ċibersigurtà tal-fornituri u l-fornituri tas-servizzi tagħhom, inkluż il-proċeduri tal-iżvilupp siguri tagħhom. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jikkunsidraw il-miżuri xierqa ***u proporzjonati*** msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2, l-entitajiet għandhom iqisu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi għal kull fornitur u fornitur tas-servizzi u l-kwalità ġenerali tal-prodotti u l-prattiki taċ-ċibersigurtà tal-fornituri u l-fornituri tas-servizzi tagħhom, inkluż il-proċeduri tal-iżvilupp siguri tagħhom. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu gwida lill-entitajiet dwar l-applikazzjoni prattika u proporzjonata.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6 a. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-utent ta' network u sistema ta' informazzjoni pprovduta minn entità essenzjali jew importanti d-dritt li jikseb mingħand l-entità informazzjoni dwar il-miżuri tekniċi u organizzattivi fis-seħħ għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-limitazzjonijiet għal dak id-dritt.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-ENISA, ***jista'*** jwettaq valutazzjonijiet tar- | 1. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-ENISA, ***għandu*** jwettaq valutazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| riskju kkoordinati għas-sigurtà ta' servizzi, sistemi jew ktajjen tal-provvista kritiċi speċifiċi tal-ICT, filwaqt li jqis fatturi tar-riskju tekniċi u, meta jkun rilevanti, fatturi tar-riskju mhux tekniċi. | tar-riskju kkoordinati għas-sigurtà ta' servizzi, sistemi jew ktajjen tal-provvista kritiċi speċifiċi tal-ICT, filwaqt li jqis fatturi tar-riskju tekniċi u, meta jkun rilevanti, fatturi tar-riskju mhux tekniċi. |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti ***jinnotifikaw***, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 dwar kull inċident li jħalli impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi tagħhom***. Meta xieraq, dawk l-entitajiet għandhom jinnotifikaw***, mingħajr dewmien żejjed, lir-riċevituri tas-servizzi tagħhom dwar inċidenti li aktarx jaffettwaw ħażin il-forniment ta' dak is-servizz. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-entitajiet jirrapportaw, fost l-oħrajn, kull informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT jiddeterminaw kwalunkwe impatt transfruntier tal-inċident. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti, mingħajr dewmien żejjed ***u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa***, ***jinnotifikaw*** lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 dwar kull inċident li jħalli impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi tagħhom***, u lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jekk ikun hemm suspett jew ikun magħruf li l-inċident huwa ta' natura malizzjuża. Dawk l-entitajiet***, mingħajr dewmien żejjed, ***u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa, għandhom jinnotifikaw*** lir-riċevituri tas-servizzi tagħhom dwar inċidenti li aktarx jaffettwaw ħażin il-forniment ta' dak is-servizz ***u jipprovdu informazzjoni li tippermettilhom jimmitigaw l-effetti ħżiena tal-attakki ċibernetiċi. Bħala eċċezzjoni, fejn id-divulgazzjoni pubblika tkun tista' tiskatta aktar attakki ċibernetiċi, dawk l-entitajiet jistgħu jdewmu n-notifika***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-entitajiet jirrapportaw, fost l-oħrajn, kull informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT jiddeterminaw kwalunkwe impatt transfruntier tal-inċident. |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti jinnotifikaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT dwar kull theddida ċibernetika sinifikanti li dawk l-entitajiet jidentifikaw li setgħet potenzjalment tirriżulta f'inċident sinifikanti. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti ***jkunu kapaċi*** jinnotifikaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRT dwar kull theddida ċibernetika sinifikanti li dawk l-entitajiet jidentifikaw li setgħet potenzjalment tirriżulta f'inċident sinifikanti. |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta applikabbli, dawk l-entitajiet għandhom ***jinnotifikaw, mingħajr dewmien żejjed,*** lir-riċevituri tas-servizzi tagħhom affettwati potenzjalment minn theddida ċibernetika sinifikanti dwar kull miżura jew rimedju li dawk ir-riċevituri jistgħu jieħdu bħala rispons għal dik it-theddida. Meta ***xieraq***, l-entitajiet għandhom jinnotifikaw ukoll lil dawk ir-riċevituri bit-theddida nnifisha. In-notifika ma għandhiex tissoġġetta lill-entità notifikanti għal aktar responsabbiltà. | Meta applikabbli, dawk l-entitajiet għandhom ***jitħallew jinnotifikaw*** lir-riċevituri tas-servizzi tagħhom affettwati potenzjalment minn theddida ċibernetika sinifikanti dwar kull miżura jew rimedju li dawk ir-riċevituri jistgħu jieħdu bħala rispons għal dik it-theddida. Meta ***tingħata tali notifika***, l-entitajiet għandhom jinnotifikaw ukoll lil dawk ir-riċevituri bit-theddida nnifisha. In-notifika ma għandhiex tissoġġetta lill-entità notifikanti għal aktar responsabbiltà. |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 4– punt c – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) rapport ***finali*** sa mhux aktar tard minn xahar wara s-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-punt (a), li jinkludi | (c) rapport ***komprensiv*** sa mhux aktar tard minn xahar wara s-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-punt (a), li jinkludi |

| | |
|---|---|
| mill-inqas dan li ġej: | mill-inqas dan li ġej: |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 4 – punt c – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) it-tip ta' theddida jew il-kawża ewlenija li aktarx skattat l-inċident; | (ii) it-tip ta' theddida ***ċibernetika*** jew il-kawża ewlenija li aktarx skattat l-inċident; |

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 4 – punt c – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) il-miżuri applikati u li għadhom fis-seħħ. | (iii) il-miżuri ***ta' mitigazzjoni jew ir-rimedji*** applikati u li għadhom fis-seħħ. |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta xieraq, u b'mod partikolari meta l-inċident imsemmi fil-paragrafu 1 ikun jikkonċerna żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtorità kompetenti jew is-CSIRT għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħra affettwati u lill-ENISA dwar l-inċident. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti, is-CSIRT jew il-punti uniċi ta' kuntatt, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni, għandhom iħarsu l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali tal-entità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta. | 6. Meta xieraq, u b'mod partikolari meta l-inċident imsemmi fil-paragrafu 1 ikun jikkonċerna żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtorità kompetenti jew is-CSIRT għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħra affettwati u lill-ENISA dwar l-inċident. ***Jekk l-inċident jikkonċerna żewġ Stati Membri jew aktar u hemm is-suspett li dan huwa ta' natura kriminali, l-awtorità kompetenti jew s-CSIRT għandhom jinformaw lill-EUROPOL.*** Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti, is-CSIRT jew il-punti uniċi ta' kuntatt, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni, għandhom iħarsu l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali |

| | |
|---|---|
| | tal-entità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta. |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ENISA, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha ***toħroġ*** pariri u ***tfassal*** linji gwida dwar l-oqsma teknići li jridu jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-paragrafu 1 kif ukoll fir-rigward tal-istandards li jeżistu diġà, inkluż standards nazzjonali tal-Istati Membri, li jippermettu li dawk l-oqsma jiġu koperti. | 2. L-ENISA, ***wara li tkun ikkonsultat lill-EDPB u*** b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha ***tfassal*** pariri u linji gwida dwar l-oqsma teknići li jridu jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-paragrafu 1 kif ukoll fir-rigward tal-istandards li jeżistu diġà, inkluż standards nazzjonali tal-Istati Membri, li jippermettu li dawk l-oqsma jiġu koperti. |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Biex*** jikkontribwixxu għas-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tad-DNS, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji għat-TLD għandhom jiġbru*** u ***jżommu*** data preċiża u kompleta tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji f'faċilità ta' bażi tad-data ddedikata ***bid-diliġenza dovuta soġġetta għal-liġi*** tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tad-data li hija data personali. | 1. ***Bil-għan li*** jikkontribwixxu għas-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tad-DNS, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***t-TLD jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri biex jiżguraw li tinġabar*** u ***tinżamm*** data preċiża u kompleta tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji f'faċilità ta' bażi tad-data ddedikata ***f'konformità mal-liġi*** tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tad-data li hija data personali. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-politiki u l-proċeduri jkunu disponibbli għall-pubbliku.*** |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji msemmija fil-paragrafu 1 ikun fihom ***informazzjoni rilevanti*** biex jiġu identifikati u kkuntattjati d-detenturi ***ta' ismijiet ta' dominji*** u l-punti ta' kuntatt li jamministraw l-ismijiet ta' dominji skont it-TLDs. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji msemmija fil-paragrafu 1 ikun fihom ***l-informazzjoni meħtieġa*** biex jiġu identifikati u kkuntattjati d-detenturi ***tal-ismijiet tad-dominji, jiġifieri isimhom, l-indirizz fiżiku u dak elettroniku tagħhom kif ukoll in-numru tat-telefon tagħhom,*** u l-punti ta' kuntatt li jamministraw l-ismijiet ta' dominji skont it-TLDs. |

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji għat-TLD ikollhom fis-seħħ politiki u proċeduri biex jiżguraw li l-bażijiet tad-data jinkludu informazzjoni preċiża u kompleta. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-politiki u l-proċeduri jkunu disponibbli għall-pubbliku.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu ġie inkluż fl-Artikolu 23(1).*

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ***ta' ismijiet ta' dominji*** għat-TLD jippubblikaw, mingħajr dewmien żejjed wara r-reġistrazzjoni ta' isem ta' ***dominji***, ***id-data*** tar-reġistrazzjoni ta' dominji ***li mhix data personali***. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ***tal-ismijiet tad-dominju*** għat-TLD jippubblikaw, ***skont l-Artikolu 6(1)(c) u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u*** mingħajr dewmien żejjed wara r-reġistrazzjoni ta' isem ta' ***dominju***, ***ċerta data*** tar-reġistrazzjoni ***tal-ismijiet*** ta' dominji***, bħall-isem tad-dominju u l-isem tal-persuna ġuridika***. |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji għat-TLD jipprovdu aċċess għal data speċifika tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji meta jsiru talbiet legali u debitament ġustifikati minn ***persuni li jridu aċċess leġittimu***, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji tat-TLD jirrispondu t-talbiet kollha għal aċċess, mingħajr dewmien żejjed. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri għad-divulgazzjoni ta' din id-data jkunu disponibbli għall-pubbliku. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji għat-TLD jipprovdu aċċess għal data speċifika tar-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji meta jsiru talbiet ***b'mod*** legali u debitament ġustifikati minn ***awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet kompetenti fis-sens ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali, jew l-awtoritajiet superviżorji fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679***, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tat-TLD u l-entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji tat-TLD jirrispondu t-talbiet kollha għal aċċess ***li jsiru b'mod legali u jkunu ġustifikati kif dovut***, mingħajr dewmien żejjed. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri għad-divulgazzjoni ta' din id- |

| | |
|---|---|
| | data jkunu disponibbli għall-pubbliku. |

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk entità msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx stabbilita fl-Unjoni, iżda toffri servizzi fl-Unjoni, din għandha tiddeżinja rappreżentant fl-Unjoni. Ir-rappreżentant għandu jkun stabbilit f'wieħed minn dawk l-Istati Membri fejn huma offruti s-servizzi. Din l-entità għandha titqies li hija fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant. Fin-nuqqas ta' rappreżentant iddeżinjat fl-Unjoni skont dan l-Artikolu, kwalunkwe Stat Membru fejn l-entità tipprovdi s-servizzi jista' jieħu azzjonijiet legali kontriha għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont din id-Direttiva. | 3. Jekk entità msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx stabbilita fl-Unjoni, iżda toffri servizzi fl-Unjoni, din għandha tiddeżinja rappreżentant fl-Unjoni. Ir-rappreżentant għandu jkun stabbilit f'wieħed minn dawk l-Istati Membri fejn huma offruti s-servizzi. ***Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679,*** din l-entità għandha titqies li hija fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant. Fin-nuqqas ta' rappreżentant iddeżinjat fl-Unjoni skont dan l-Artikolu, kwalunkwe Stat Membru fejn l-entità tipprovdi s-servizzi jista' jieħu azzjonijiet legali kontriha għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont din id-Direttiva. |

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ENISA għandha toħloq u żżomm reġistru għall-entitajiet essenzjali u importanti msemmija fl-Artikolu 24(1). L-entitajiet għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li ġejja lill-ENISA sa [mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]: | 1. L-ENISA għandha toħloq u żżomm reġistru ***sikur*** għall-entitajiet essenzjali u importanti msemmija fl-Artikolu 24(1). L-entitajiet għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li ġejja lill-ENISA sa [mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]: |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti jkunu jistgħu jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà, inkluż l-informazzjoni relatata ma' theddid ċibernetiku, vulnerabbiltajiet, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri, twissijiet taċ-ċibersigurtà u għodod ta' konfigurazzjoni, meta din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni: | 1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 ***jew għad-Direttiva 2002/58/KE***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet essenzjali u importanti jkunu jistgħu jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà, inkluż l-informazzjoni relatata ma' theddid ċibernetiku, vulnerabbiltajiet, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri, twissijiet taċ-ċibersigurtà u għodod ta' konfigurazzjoni, ***u l-post fejn ikun jinsab min iwettaq l-attakk jew l-identità tiegħu*** meta din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni: |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet ***għall-protezzjoni tad-data*** meta jindirizzaw inċidenti li jirriżultaw fi vjolazzjoni ta' data personali. | 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet ***superviżorji*** meta jindirizzaw inċidenti li jirriżultaw fi vjolazzjoni ta' data ***personali mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji għandhom jiskambjaw l-informazzjoni li hi rilevanti għall-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti, jipprovdulhom l-informazzjoni kollha miksuba fil-kuntest ta' kwalunkwe awditu u investigazzjoni li huma relatati mal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ipproċessar tad-data personali.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 4 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) jordnaw lil dawk l-entitajiet jippubblikaw aspetti ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva b'mod speċifikat;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jimponu jew jitolbu l-impożizzjoni mill-korpi jew mill-qrati rilevanti skont il-liġijiet nazzjonali ta' projbizzjoni temporanja kontra kwalunkwe persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fil-livell ta' kap eżekuttiv jew ta' rappreżentant legali f'dik l-entità essenzjali, u ta' kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali f'dik l-entità.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawn is-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati*** biss sakemm l-entità tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrimedja n-nuqqasijiet jew tikkonforma mar-rekwiżiti tal-awtorità kompetenti li għaliha jkunu | ***Din is-sanzjoni għandha tiġi applikata*** biss sakemm l-entità tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrimedja n-nuqqasijiet jew tikkonforma mar-rekwiżiti tal-awtorità kompetenti li għaliha jkunu ġew applikati |

ġew applikati tali sanzjonijiet.

tali sanzjonijiet.

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 7 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) id-dannu attwali ***kkawżat*** jew ***it-telf imġarrab jew id-dannu*** jew it-telf ***potenzjali li setgħu ġew skattati,*** sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati. Meta jiġi evalwat dan l-aspett, għandhom jitqiesu, fost l-oħrajn, it-telf finanzjarju jew ekonomiku attwali jew potenzjali, l-effetti fuq servizzi oħra, l-għadd ta' utenti affettwati jew potenzjalment affettwati; | (c) Id-dannu attwali ***materjali*** jew ***mhux materjali kkawżat*** jew it-telf ***imġarrab*** sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati. Meta jiġi evalwat dan l-aspett, għandhom jitqiesu, fost l-oħrajn, it-telf finanzjarju jew ekonomiku attwali jew potenzjali, l-effetti fuq servizzi oħra, l-għadd ta' utenti affettwati jew potenzjalment affettwati; |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 7 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti mill-entità kkonċernata;*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 7 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità kompetenti, b'mod partikolari jekk - u jekk il-każ ikun hekk, sa fejn - l-entità nnotifikat il-ksur;*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 7 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-livell ta' kooperazzjoni ***tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinżammu responsabbli mal-awtoritajiet kompetenti.*** | (g) il-livell ta' kooperazzjoni ***mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi rimedjat il-ksur u jittaffew l-effetti negattivi possibbli tal-ksur;*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 7 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) kwalunkwe fattur ieħor aggravanti jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, bħal benefiċċji finanzjarji miksuba jew telfiet evitati, direttament jew indirettament, mill-ksur.*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ***tal-Istat Membru kkonċernat*** iddeżinjati skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] meta jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom bil-għan li jiżguraw il-konformità ta' entità essenzjali identifikata bħala kritika, jew bħala entità ekwivalenti għal entità kritika, skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] mal-obbligi skont din id-Direttiva. Fuq talba tal-awtoritajiet | 9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jinfurmaw ***fil-ħin reali*** lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ***tal-Istati Membri kollha*** iddeżinjati skont id-Direttiva (UE)XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] meta jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom bil-għan li jiżguraw il-konformità ta' entità essenzjali identifikata bħala kritika, jew bħala entità ekwivalenti għal entità kritika, skont id-Direttiva (UE)XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi] mal-obbligi skont din id-Direttiva. Fuq talba tal- |

kompetenti skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi], l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom fuq entità essenzjali identifikata bħala kritika jew ekwivalenti.

awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva (UE) XX/XX [id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi], l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom fuq entità essenzjali identifikata bħala kritika jew ekwivalenti.

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) jordnaw lil dawk l-entitajiet jippubblikaw aspetti ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom stabbiliti f'din id-Direttiva b'mod speċifikat;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jagħmlu dikjarazzjoni pubblika li tidentifika ***l-persuni fiżiċi*** jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur ta' obbligu stabbilit f'din id-Direttiva u n-natura ta' dak il-ksur; | h) jagħmlu dikjarazzjoni pubblika li tidentifika ***l-persuna ġuridika (***jew ***il-persuni*** ġuridiċi***)*** responsabbli għall-ksur ta' obbligu stabbilit f'din id-Direttiva u n-natura ta' dak il-ksur; |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-multi amministrattivi għandhom***, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali,*** jiġu imposti flimkien ma', jew minflok, il-miżuri msemmija fil-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 29(4), l-Artikolu 29(5) u | 2. Il-multi amministrattivi għandhom jiġu imposti flimkien ma', jew minflok, il-miżuri msemmija fil-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 29(4), l-Artikolu 29(5) u l-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 30(4)***, skont iċ-*** |

| | |
|---|---|
| l-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 30(4). | ***ċirkostanzi ta' kull każ individwali***. |

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 − paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Meta jkun qed*** jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi imposta multa amministrattiva u tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-ammont tagħha f'kull każ individwali mill-inqas għandha tingħata attenzjoni għall-elementi previsti fl-Artikolu 29(7). | 3. ***Li*** jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi imposta multa amministrattiva ***għandu jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali,*** u ***meta*** tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-ammont tagħha f'kull każ individwali mill-inqas għandha tingħata attenzjoni għall-elementi previsti fl-Artikolu 29(7). |

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjonijiet li l-ksur minn entità essenzjali jew importanti tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 u 20 jinvolvi ksur ta' data personali, kif definit mill-Artikolu 4(12) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 li għandu jiġi nnotifikat skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament, huma għandhom jinformaw lill-awtoritajiet superviżorji kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 ta' dak ir-Regolament ***fi ħdan perijodu ta'*** żmien ***raġonevoli***. | 1. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjonijiet li l-ksur minn entità essenzjali jew importanti tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 u 20 jinvolvi ksur ta' data personali, kif definit mill-Artikolu 4(12) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 li għandu jiġi nnotifikat skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament, huma għandhom jinformaw lill-awtoritajiet superviżorji kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 ta' dak ir-Regolament ***mingħajr dewmien bla bżonn u f'kull każ fi*** żmien ***24 siegħa***. |

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-awtorità superviżorja | 3. Meta l-awtorità superviżorja |

| | |
|---|---|
| kompetenti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor għajr l-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti ***tista'*** tinforma lill-awtorità superviżorja stabbilita fl-istess Stat Membru. | kompetenti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor għajr l-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tinforma lill-awtorità superviżorja stabbilita fl-istess Stat Membru. |

**Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 34a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 34a*** |
| | ***Responsabbiltà għan-nuqqas ta' konformità*** |
| | ***Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli, ir-riċevituri tas-servizzi pprovduti minn entitajiet essenzjali u importanti, li jkunu ġarrbu danni bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandu jkollhom id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 35 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Perjodikament,*** il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-funzjonament ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta r-rilevanza tas-setturi, is-subsetturi, id-daqs u t-tip tal-entitajiet imsemmija fl-Annessi I u II għall-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà fir-rigward taċ-ċibersigurtà. Għal dan il-għan u bil-ħsieb li tkompli tiġi avvanzata l-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rapporti tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u tan-network tas-CSIRTs dwar l-esperjenza | Il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-funzjonament ta' din id-Direttiva ***kull tliet snin*** u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta ***sa liema punt id-Direttiva kkontribwiet biex jiġi żgurat livell għoli komuni ta' sigurtà u integrità tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li tagħti l-aqwa protezzjoni lill-ħajja privata u lid-data personali, u*** r-rilevanza tas-setturi, is-subsetturi, id-daqs u t-tip tal-entitajiet imsemmija fl-Annessi I u II għall-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà |

| | |
|---|---|
| miksuba f'livell strateġiku u operazzjonali. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sa... [***54*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | fir-rigward taċ-ċibersigurtà. Għal dan il-għan u bil-ħsieb li tkompli tiġi avvanzata l-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rapporti tal-Grupp ta' Kooperazzjoni u tan-network tas-CSIRTs dwar l-esperjenza miksuba f'livell strateġiku u operazzjonali. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sa... [***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

**Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Punt 5 (Saħħa) – inċiż 6 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Settur | Sottosettur | Tip ta' entità |
|---|---|---|
| 5. Saħħa | | – Fornituri tal-kura tas-saħħa msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE (90) |
| | | – Laboratorji ta' referenza tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament XX/XX dwar theddidiet transfruntieri serji għas-saħħa[91] |
| | | – Entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali msemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE ([92]) |
| | | – Entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi msemmija fit-Taqsima C, id-Diviżjoni 21 tan-NACE Rev. 2 |
| | | – Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi meqjusa bħala kritiċi matul emerġenza tas-saħħa pubblika ("il-lista ta' apparati kritiċi ta' emerġenza tas-saħħa pubblika") imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament XXXX[93] |

[91] [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-proposta COM(2020) 727 final].

[92] Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

[93] [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fl-immaniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi, ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-

proposta COM(2020) 725 final].

*Emenda*

| Settur | Sottosettur | Tip ta' entità |
|---|---|---|
| 5. Saħħa | | – Fornituri tal-kura tas-saħħa msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE (90) |
| | | – Laboratorji ta' referenza tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament XX/XX dwar theddidiet transfruntieri serji għas-saħħa[91] |
| | | – Entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali msemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE ([92]) |
| | | – Entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi msemmija fit-Taqsima C, id-Diviżjoni 21 tan-NACE Rev. 2 |
| | | – Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi meqjusa bħala kritiċi matul emerġenza tas-saħħa pubblika ("il-lista ta' apparati kritiċi ta' emerġenza tas-saħħa pubblika") imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament XXXX[93] |
| | | ***– Entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 79 tad-Direttiva 2001/83/KE*** |

[91] [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-proposta COM(2020) 727 final].

[92] Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

[93] [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fl-immaniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi, ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-proposta COM(2020) 725 final].

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, u tħassir tad-Direttiva (UE) 2016/1148 |
| **Referenzi** | COM(2020)0823 – C9-0422/2020 – 2020/0359(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>21.1.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>21.1.2021 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 20.5.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Lukas Mandl<br>12.4.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 16.6.2021 3.9.2021 11.10.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 12.10.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 44<br>–: 14<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Katarina Barley, Pernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Olivier Chastel, Tanja Fajon, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Anne-Sophie Pelletier, Thijs Reuten, Rob Rooken, Maria Walsh |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 44 | + |
|---|---|
| ID | Nicolas Bay, Nicolaus Fest, Peter Kofod, Philippe Olivier, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche |
| NI | Laura Ferrara |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos |
| Renew | Olivier Chastel, Anna Júlia Donáth, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Maria Grapini, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Bettina Vollath |
| Verts/ALE | Damien Carême |

| 14 | - |
|---|---|
| ECR | Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Nicola Procaccini, Rob Rooken, Jadwiga Wiśniewska |
| ID | Marcel de Graaff |
| NI | Martin Sonneborn, Milan Uhrík |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik |

| 4 | 0 |
|---|---|
| The Left | Pernando Barrena Arza, Clare Daly, Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni